MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 389/1992/2

**(1) Vincent Curmi u l-Avukat Noel Arrigo bhala ko-amministraturi tal-assi tal-mejjet Markiz John Scicluna, u b'digriet tat-18 ta' Settembru 2008, l-atti ghaddew f'isem Marie Christianne Ramsey mart Umberto Pergola bhala uzufruttwarja u f'isem bintha Justine Pergola bhala werrieta universali minhabba l-mewt tal-Markiz Joseph Scicluna fil-mori tal-kawza;**

**(2) Professur Dr. Joseph Maximilian Ganado bhala *aventi causa* tal-mejta Marie Joseph Bugeja;**

**(3) Magda Camilleri f'isimha proprju u bhala prokuratrici f'isem Monica Gilbert mart il-Maggur John Gilbert, Marie Therese De Bono armla tal-mejjet Maggur Anthony De Bono u Anthony Achilles Camilleri, kif ukoll l-imsemmi John Gilbert ghal kull interess li jista' jkollu, ilkoll imsiefra minn dawn il-gzejjer; Christine Bugeja mart Victor u l-istess Victor Bugeja bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u b'digriet tas-16 ta' Lulju, 2008, l-atti ghaddew f'isem Sarah mart Timothy Winter, Martin u Leanne, ahwa Bugeja, minhabba l-mewt ta' ommhom ir-rikorrenti Christine Bugeja fil-mori tal-kawza; John Camilleri u b'digriet tal-20 ta' Dicembru 2010, l-atti ghaddew f'isem Maria Carmela *sive* Lina armla ta' John Camilleri, wara l-mewt tieghu fil-mori tal-kawza; u Raphael Camilleri, ilkoll *aventi causa* tal-mejjet Cecil Camilleri;**

**(4) Avukat Giannino Caruana Demajo bhala *aventi causa* Avukat Tommaso Caruana Demajo;**

**(5) May armla tal-Professur Victor Caruana Galizia; il-Kurunell Eric Parnis f'ismu proprju kif ukoll bhala mandatarju f'isem Anne Parnis mart Roger u l-istess Roger Parnis bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu; Helen Tomkins mart Richard u l-istess Richard Tomkins bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu; il-Maggur Peter Manduca; l-Avukat Philip Manduca, Julian Manduca, Sarah Paris mart Kenneth u l-istess Kenneth Paris bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u Victor Manduca, ilkoll *aventi causa* tal-mejjet Professur Victor Caruana Galizia, u b'digriet tas-17 ta' Gunju 2008, l-atti ghaddew fil-persuna ta' Anna armla minn Dottor Roger Parnis, Helen mart Richard Tomkins, Irene Christ armla minn Julian Manduca, l-Avukat Dottor Philip, Sarah mart Kenneth Paris u Victor, ahwa Manduca, u dan wara l-mewt tar-rikorrenti May Caruana Galizia, Maggur Peter Manduca u Dottor Roger Parnis fil-mori tal-kawza;**

**(6) Alice armla ta' Joseph Cassar Torreggiani bhala *aventi causa* tal-mejjet Joseph Cassar Torreggiani, u b'digriet tas-16 ta' Lulju 2008, l-atti ghaddew f'isem Joan, Julia mart Roland Comfort u Edward, ahwa Cassar Torreggiani, minhabba l-mewt ta' Alice Cassar Torreggiani fil-mori tal-kawza, u b'digriet tal-15 ta' Gunju 2009, l-atti ghaddew f'isem Roger, Edward Roger Winston Joseph, Jacqueline Gylda Maria Cassar Torreggiani Walsh u Stephanie Julia Alice Aida Mkali, ahwa Comfort, minhabba l-mewt ta' Julia u Roland Comfort fil-mori tal-kawza;**

**(7) Maria mart Joseph Paris u l-istess Joseph Paris bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u b'digriet tad-29 ta' Awwissu 2008, Maria Paris assumiet l-atti tal-kawza bhala amministrattici tal-beni vestita f'idejha wara l-mewt ta' zewgha Joseph Paris fil-mori tal-kawza; Joan Galea Naudi, Robert Galea, Francis Galea u Joseph Galea Naudi bhala *aventi causa* tal-mejtin Joseph Patrick Galea u Frances Zammit; u Robert Galea bhala kuratur tal-eredi tal-mejjet Dr. Louis Galea;**

**(8) Dominic Cutajar bhala amministratur ta' *Capt. O.F. Gollcher Art and Archeology Foundation*, u din il-fondazzjoni bhala *aventi causa* tal-mejjet Olof Frederick Gollcher;**

**(9) Victor Licari f'ismu proprju u bhala prokuratur f'isem Suor Elena Bernardina *sive* Helendina Licari of St. Joseph of the Apparition, u ta' Maria Dolores *sive* Doris mart Vassilios Dionyssopoulos; u Michael Licari, u b'digriet tal-25 ta' Novembru 2008, l-atti ghaddew f'isem Iris Licari kif ukoll uliedha Joseph, Michael-John, Anita mart Edward Aquilina, Johanna mart Mark Vella u Charlotte mart Ivan Riolo, ahwa Licari, minhabba l-mewt ta' Michael Licari fil-mori tal-kawza; Marie Lourdes Licari, Joseph Bernard Licari, Bernard Licari, Esther mart Eric Vella Bonnici u l-istess Eric Vella Bonnici bhala kap tal-kommunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, Paul Licari, Ruth Aquilina u Edward Licari, ilkoll *aventi causa* tal-mejtin Joseph u Josephine Licari;**

**(10) Louis Victor Radmilli, Denise mart Frank Ferrante, u l-istess Frank Ferrante bhala kap tal-kommunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u b'digriet tat-23 ta' Lulju 2008, l-atti ghaddew f'isem Frank Ferrante u f'isem uliedu Bernard, Simone Gatt, Lorraine Formosa, Philip u Martine Ellul, ahwa Ferrante, minhabba l-mewt ta' Denise Ferrante fil-mori tal-kawza; Iris armla ta' George Sciortino, u Elda mart Albert Mizzi u l-istess Albert Mizzi bhala kap tal-kommunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, ilkoll *aventi causa* tal-mejtin Maggur Victor Radmilli u martu Emmanuela Radmilli;**

**(11) Peter Cassar Torreggiani f'isem Mary mart Bernard Sammut Alessi u l-istess Bernard Sammut Alessi bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu, f'isem Francesca Ferro mart Michael u l-istess Michael Ferro bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u f'isem Christopher Dickson u Anthony Dickson *aventi causa* tal-mejta ommhom Victoria Dickson, ilkoll imsiefrin minn dawn il-gzejjer; u Christopher Cassar Torreggiani, Mark Cassar Torreggiani, Rose Cassar Torreggiani;**

**Margaret Parnis England mart John u l-istess John Parnis England bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu, ilkoll *aventi causa* tal-mejjet Logotenent Kurunell Frank Cassar Torreggiani, u b'digriet tas-17 ta' Gunju 2008, l-atti ghaddew f'isem l-imsemmija Margaret Parnis England u f'isem uliedha Stephen, Robin, Nicholas u Johanna mart Stephen Borg Manduca, ahwa Parnis England, wara l-mewt ta' John Parnis England fil-mori tal-kawza;**

**(12) Anthony Zammit Cutajar u Paul Zammit Cutajar bhala diretturi u f'isem *P. Cutajar & Company Limited;***

**(13) Mary Rose armla tal-Maggur Alfred Zammit Cutajar, Joanna mart Joseph Vassallo u l-istess Joseph Vassallo bhala kap tal-kommunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u Anthony Zammit Cutajar, ilkoll *aventi causa* tal-mejjet Maggur Alfred Zammit Cutajar;**

**(14) Evelyn mart Ivan Burridge ghall-interess taghha proprju u bhala *aventi causa* mill-mejta ommha Catherine Pace Asciak, u l-istess Ivan Burridge bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u b'digriet tal-24 ta' Frar 2011, l-atti ghaddew f'isem Dottor Michelle Tabone bhala Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof Paul Cremona, amministratur tal-beni ekklezjastici djocesani kollha f'Malta f'isem u fl-interess tad-Dar tal-Provvidenza u f'isem Monsinjur Gorg Bezzina bhala Ekonomu ta' Monsinjur Isqof Mario Grech, amministratur tal-beni ekklezjastici ta' Ghawdex, u f'isem u fl-interess ta' St. Joseph Home, Ghawdex, wara l-mewt ta' Evelyn u Ivan mizzewgin Burridge fil-mori tal-kawza;**

**(15) Albert Mizzi bhala direttur u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` *Alf. Mizzi and Sons Limited;***

**(16) Helma mart Kurunell William Attard u l-istess Kurunell William Attard bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u b'digriet tat-8 ta' Frar 2011, l-atti ghaddew f'isem Helma Attard wara l-mewt ta' zewgha William Attard fil-mori tal-kawza;**

**(17) Marie Louise mart Cecil James Baker, u l-istess Cecil James Baker bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u b'digriet tat-23 ta' Lulju 2008, l-atti ghaddew f'isem Marie Louise Baker minhabba l-mewt ta' Cecil James Baker fil-mori tal-kawza;**

**(18) Juanita mart Alvino Micallef Grimaud u l-istess Alvino Micallef Grimaud bhala tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu;**

**(19) Johanna mart Stefan Borg Manduca u l-istess Stefan Borg Manduca bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu;**

**(20) Kaptan Arthur Lawrence Podesta` f'ismu proprju u bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu Laura, u b'digriet tad-29 ta' Awwissu 2008, l-atti ghaddew f'isem martu Laura Podesta` u wliedhom Patricia mart William Cassar Torreggiani u Arthur, ahwa Podesta`, minhabba l-mewt ta' Arthur Lawrence Podesta` fil-mori tal-kawza; u l-istess Laura Podesta`;**

**(21) Maryse mart Kenneth Valenzia u l-istess Kenneth Valenzia, bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu kif ukoll l-istess Maryse Valenzia bhala prokuratrici ta' huha George Michael Salamone li huwa msiefer minn dawn il-gzejjer;**

**(22) Professur Avukat Ian Refalo, bhala prokuratur f'isem il-Markiz Joseph Scicluna u b'digriet tat-18 ta' Settembru 2008, l-atti ghaddew f'isem Marie Christianne Ramsey mart Umberto Pergola u bintha Justine Pergola minhabba l-mewt tal-Markiz Joseph Scicluna fil-mori tal-kawza;**

**(23) Kavallier Francis Saviour Zammit Cutajar, u b'digriet tal-5 ta' Marzu 2010, l-atti ghaddew f'isem uliedu Joan Scicluna, Paul, Dennis u Philippa, ahwa Zammit Cutajar, minhabba l-mewt ta' Francis Xavier Zammit Cutajar fil-mori tal-kawza;**

**(24) Professur Joseph Victor Zammit Maempel, u b'digriet tas-16 ta' Lulju 2008, l-atti ghaddew f'isem marty Evelyn Zammit Maempel nee` Camilleri, kif ukoll f'isem uliedu Amelia Craig, Avukat Joseph, il-Kirurgu Frederick, Carmen Cassar u Maria Louisa *sive* Marisa Gatt, ahwa Zammit Maempel, minhabba l-mewt tal-Professur Joseph Victor Zammit Maempel fil-mori tal-kawza;**

**(25) Antonia armla ta' Joseph Meli Bugeja, u b'digriet tal-1 ta' Lulju 2008, l-atti ghaddew f'isem Martina mart Adrian Salamone, Justine mart Andrew Strickland, u Michael, ahwa Meli Bugeja, ilkoll ulied il-mejjet Maurice Meli Bugeja u Anne nee` Bonnici Mallia, u favur Simon, Sean, Sandra, Sarah mart Mark Psaila, Silvana mart Matthew Sultana u Stephen *sive* Steve, ahwa Sant Fournier, ilkoll ulied il-mejjet Konti Alfred**

**Sant Fournier minhabba l-mewt ta' Antonia Meli Bugeja fil-mori tal-kawza;**

**(26) Edwin Gerald Bonello, u b'digriet tal-1 ta' Lulju 2008, l-atti ghaddew f'isem Suzanne mart Paul Vassallo, Jacqueline mart Philip Meli, Avukat Rachel u PL Gerald, ahwa Bonello, minhabba l-mewt tal-Avukat Edwin Gerald Bonello fil-mori tal-kawza;**

**(27) Derek Fenech;**

**(28) Denyse Fenech;**

**(29) Kaptan Arthur Zammit Cutajar, u b'digriet tal-11 ta' Novembru 2010, l-atti ghaddew f'isem Michael, Joanna Vassallo u Anthony, ahwa Zammit Cutajar, ulied il-mejjet Alfred u f'isem Joan Scicluna, Paul, Dennis u Philippa ahwa Zammit Cutajar, ulied il-mejjet Francis Xavier u f'isem Alaine Apap Bologna, bint George Zammit Cutajar, minhabba l-mewt ta' Arthur Zammit Cutajar**

**fil-mori tal-kawza;**

**(30) John Parnis England;**

**(31) Stephen Parnis England;**

**(32) Evelyn armla ta' Joseph Soler u b'digriet tal-11 ta' Novembru 2010, l-atti ghaddew f'isem Reginald *sive* Ray, Edgar u Elizabeth Mallia ahwa Soler u f'isem Richard u Mark, ahwa Soler, ulied il-mejjet Anthony, wara l-mewt ta' Evelyn Soler fil-mori tal-kawza;**

**(33) Nutar Joseph Spiteri**

**v.**

**L-Onorevoli Prim Ministru ta' Malta, il-Ministru tal-Finanzi u Dwana, u Maurice Abela, Denis Degiorgio u Antonio Tagliaferro bhala komponenti, dawn l-ahhar tlieta, tal-Kunsill tal-Amministrazzjoni tan-*National Bank of Malta Limited* u l-Avukat Dr. Peter Borg Costanzi u l-Prokuratur Legali Lucy Bonello, mahtura bhala Kuraturi b'digriet tal-15 ta' Dicembru 1992, biex jirrapprezentaw lill-Kunsill tal-Amministrazzjoni tan-*National Bank of Malta Limited***

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell principali maghmul mill-intimati u appell incidentali maghmul mir-rikorrenti, minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha fis-6 ta' Frar 2014 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li ddisponiet mill-eccezzjonijiet preliminari, iddikjarat li kienet sabet lezjoni fil-konfront tar-rikorrenti tad-dritt fundamentali taghhom protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] inkwantu huma gew ipprivati minn gid taghhom minghajr kumpens xieraq, filwaqt li ma sabitx lezjoni tal-jedd taghhom ghal-liberta` ta' ghaqda jew ta' assocjazzjoni kif imhares fl-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni jew ukoll taht l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem ["il-Konvenzjoni"]; u ordnat li l-ispejjez, salv ghal dawk relatati mar-raba' eccezzjoni, jithallsu solidalment bejn l-intimati, u ordnat li l-kawza tithalla ghall-kontinwazzjoni dwar it-talbiet tar-rikorrenti ghar-rimedji minnhom mitluba.

**L-Appelli**

**2.** Fir-rikors tal-appell taghhom l-intimati qed jitolbu li din il-Qorti thassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn iddecidiet li kien hemm ksur tal-jedd fundamentali tar-rikorrenti dwar il-harsien mit-tehid tal-gid taghhom bla kumpens xieraq, filwaqt li tikkonferma l-kumplament tas-sentenza; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellati.

**3.** Min-naha taghhom ir-rikorrenti fir-risposta taghhom, filwaqt li talbu li, ghar-ragunijiet hemm indikati l-appell jigi michud, interponew appell incidentali li permezz tieghu talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha fejn sabet li r-rikorrenti ma garrbux ksur tal-jedd taghhom ghal-liberta` ta’ ghaqda jew assocjazzjoni kif imharsa fl-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni jew ukoll taht l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni, u tikkonfermaha ghal bqija; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati.

**<u>Il-Fatti</u>**

**4.** Illi dwar il-fatti l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni tal-fatti maghmula minnha fil-kawza numru 390/92 fl-ismijiet **Avukat Philip Attard Montalto et v. L-Onorevoli Prim Ministru ta’ Malta**, li nstemghet kontestwalment mal-kawza odjerna, u li giet deciza fid-9 ta’ Jannar 2014.

**5.** Il-fatti relevanti huma dawn:

"- - Ommissis - -

"Illi b'seħħ minn l-aħħar jiem ta' Novembru tal-1973, għadd kbir ta' persuni li kellhom depożiti fil-Bank kienu bdew jiġbdu l-flus tagħhom. Fis-sitta (6) ta' Diċembru, 1973, deher li minn żewġ fergħat partikolari tal-Bank kienu qegħdin jinġibdu mid-depożitanti ammonti mhux tas-soltu[1]. Kulma jmur, din ix-xejra bdiet titqawwa sa ma fil-11 ta' Diċembru, 1973, nġibdet somma kbira u d-diretturi tal-Bank bdew jitħassbu tassew dwar dak li kien qed jiġri, minħabba li l-ġbid konsistenti ta' flus min-naħa tad-depożitanti tal-Bank kien waqqa' l-likwidita' tiegħu għal livell aktar baxx minn dak mitlub mil-liġi[2]. Fil-fatt kien hemm "*run*" fuq il-Bank u dan kien sar fatt magħruf mill-pubbliku u lill-Gvern, li jidher li saħansitra hedded li jiġbed mill-Bank id-depożiti f'isem xi kumpanniji parastatali[3]. Lejliet, l-azzjonisti kienu iffirmaw dikjarazzjoni li biha qablu li jgħaddu l-assi tal-bank lill-Gvern ta' Malta;

"Illi sadattant bejn is-sebgħa (7) ta' Diċembru[4] u l-għaxra (10) ta' Diċembru, 1973[5], kienu saru laqgħat bejn it-tmexxija tal-Bank u l-Gvern, bis-sehem tal-Gvernatur tal-Bank Ċentrali, l-Avukat Ġenerali u xi ministri tal-Kabinett. Matul dawn il-laqgħat, it-tmexxija tal-Bank talbet lill-Gvern biex iħallihom iduru għall-għajnuna ta' banek barranin korrispondenti tal-istess Bank jew għall-intervent tal-Bank Ċentrali biex jaċċetta l-assi tal-istess Bank, li kienu "mhux faċilment realiżżabbli"[6], bħala garanzija biex il-bank ikun f'qagħda li jiġġieled il-kriżi li dak il-ħin kien għaddej minnha. Il-Prim Ministru ta direttivi lill-Bank Ċentrali biex jaġixxi biex jirfed lill-Bank jekk ikun awtorizzat mill-Ministru, u ta lit-tmexxija tal-Bank żmien qasir biex jikkonvinċu lil minn tal-anqas żewġ-terzi ($^{2}/_{3}$) tal-azzjonisti biex iċedu l-ishma tagħhom favur il-Gvern, qabel ma jersaq quddiem il-Parlament biex jgħaddi malajr liġi li kienet diġa' mfassla;

"Illi fil-11 ta' Diċembru, 1973, inżammet laqgħa oħra tal-Bord tad-Diretturi tal-Bank li għaddiet riżoluzzjoni biex jgħaddu l-Bank lill-Gvern u ħatru tlieta min-nies – is-Sur Louis Vella (*Chairman* tal-Bank), l-Avukat Philip Attard Montalto u

[1] Xhieda ta' P.L. Henry Micallef 5.5.1986, f'paġ. 160 tal-atti tal-kawża 282/77JRM
[2] Xhieda ta' Antoine Tagliaferro 29.8.1990, f'paġ. 328 tal-atti tal-kawża 282/77JRM
[3] Xhieda tal-P.L. Joseph Żammit 27.3.1992, f'paġ. 404 tal-atti tal-kawża 282/77JRM
[4] Minuti tal-laqgha f'paġġ. 1005 – 6 tal-proċess
[5] Minuti f'paġġ. 1007 – 9 tal-proċess
[6] Xhieda ta' Edgar Montanaro Gauċi 3.10.1990, f'paġ. 378 tal-atti tal-kawża 282/77JRM

l-Maġġur Austin Cassar Torreggiani – biex jidhru għall-Bank fuq l-atti kollha meħtieġa tat-trasferiment[7];

"Illi l-Bank waqqaf in-negozju tiegħu fit-12 ta' Diċembru, 1973, u dak inhar kienet irtirata l-liċenza biex jissokta jaħdem[8]. Id-diretturi tal-Bank ġew mgħarrfa bl-irtirar tal-liċenza mill-Pulizija matul il-lejl fis-sigħat bikrin ta' dak inhar;

"Illi fit-12 ta' Diċembru, 1973[9], wkoll, xi azzjonisti ressqu talba b'rikors quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja (dak iż-żmien kienet għadha magħrufa bħala s-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili) biex jitħallew jivvotaw biex jgħaddu sehemhom fil-Bank lill-Gvern bla ebda konsiderazzjoni. Wara li semgħet ħames (5) xhieda[10], dik il-Qorti laqgħet it-talba b'degriet mogħti dak inhar stess[11];

"Illi waqt is-Seduta tal-Kamra tad-Deputati li ssejħet aktar tard dakinhar, għadda mill-fażijiet kollha u bi qbil taż-żewġ naħat tal-Kamra l-Att tal-1973 biex Jipprovdi Temporanjament dwar in-National Bank u l-Bank ta' Tagliaferro[12] li bis-saħħa tiegħu, fost l-oħrajn, twaqqaf il-Kunsill tal-Amministrazzjoni li kellu jieħu f'idejh it-tmexxija tal-Bank. Il-Gvernatur-Ġenerali ta l-kunsens tiegħu għall-imsemmi Att dakinhar;

"Illi l-għada, l-Bank beda jitħaddem (b'operazzjonijiet limitati) mill-imsemmi Kunsill ta' Amministrazzjoni, u li l-għan tiegħu kien li jieħu ħsieb l-assi u d-djun tal-Bank, isalva l-impieg tal-ħaddiema tiegħu u jħares il-likwidita' bil-ħsieb li jħares id-depożiti li kienu saru miegħu mid-depożitanti[13]. Il-Kunsill kien magħmul minn tlieta min-nies – u jiġifieri minn Maurice Abela, bħala *Chairman*, Dennis Degiorgio u Antoine Tagliaferro, li kien u baqa' jaqdi d-dmirijiet ta' *assistant manager* tal-Bank[14];

"Illi bejn is-26 ta' Diċembru, 1973 u nofs Frar tal-1974, dawk mir-rikorrenti li kellhom ishma fin-NBM kienu għaddewhom lill-Gvern bla ebda ħlas[15]. Mhux l-azzjonisti kollha għażlu li jaċċettaw li jittrasferixxu l-ishma tagħhom;

[7] Notamenti Dr. R.A. Staines, f'paġġ. 1848 – 9 tal-proċess
[8] Xhieda ta' James Gollcher 30.10.1990 f'paġ. 395 tal-atti tal-kawża 282/77JRM
[9] Paġ. 1399 tal-proċess
[10] Ara kopja tat-traskrizzjoni tax-xhieda f'paġġ. 1402 – 6 tal-proċess
[11] Kopja tad-degriet f'paġġ. 1400 – 1 tal-proċess
[12] Att XLV tal-1973
[13] Xhieda ta' Antoine Tagliaferro 31.7.1990, f'paġ. 323 tal-atti tal-kawża 282/77JRM
[14] *Ibid*., f'paġ. 324 tal-atti tal-kawża 282/77JRM
[15] Dok "ECD3", konsistenti f'reġistru b'fotokopji ta' kull waħda mill-kitbiet ta' trasferiment tal-ishma (mhux enumerat)

"Illi fit-3 ta' Jannar, 1974, issejħet laqgħa għall-azzjonisti tal-Bank fis-sede tal-Kamra tal-Kummerċ li matulha uffiċjali tiegħu għarrfuhom bil-qagħda. Min indirizza l-laqgħa ssuġġerixxa li l-azzjonisti li kienu għadhom ma assenjawx l-ishma tagħhom lill-Gvern jagħmlu dan, għalkemm ma kienx qiegħed jobbliga lil ħadd jagħmel hekk[16];

"Illi sadanittant, issoktaw l-isforzi biex jinġabru kemm firem setgħu mingħand l-azzjonisti tal-Bank. Dawn l-isforzi tmexxew l-aktar minn uffiċjali tal-Bank u wkoll minn impjegati. Saru sforzi wkoll, fuq struzzjoniijiet maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prim'Ministru, biex jinġabru firem ta' azzjonisti li kienu jgħixu barra minn Malta, b'kuntatti minn ambaxxati ta' Malta fi bliet barranin[17];

"Illi fl-1 ta' Frar, 1974, il-Kamra tad-Deputati għaddiet mill-fażijiet kollha l-Att IX tal-1974 li jemenda l-Att XLV tal-1973;

"Illi fit-22 ta' Marzu, 1974, sar ftehim li bih l-assi u d-djun tal-Bank għaddew minn fuq isem il-Bank għal fuq isem bank ġdid li twaqqaf b'dan il-għan (Bank of Valletta Limited). Dan sar wara li l-Gvern kien diġa' kiseb iżjed minn tnejn minn kull tlieta ($^{2}/_{3}$) tal-ishma tal-Bank[18]. It-trasferiment seħħ bis-saħħa ta' att nutarili tat-22 ta' Marzu, 1974, fl-atti tan-Nutar Dottor Maurice Gambin u kellu jidħol fis-seħħ jumejn wara;

"Illi f'Lulju tal-1974[19], wara rakkomandazzjoni li saret f'dan is-sens mill-Bank Ċentrali ftit jiem qabel[20], il-Ministru li fid-dikasteru tiegħu kienu jaqgħu l-banek kummerċjali dak iż-żmien, ħassar il-liċenzi tal-Bank u kif ukoll ta' Tagliaferro Bank Limited;

"Illi b'ittra uffiċjali mressqa fis-17 ta' Diċembru, 1975[21], l-azzjonisti tal-Bank interpellaw lill-Prim Ministru, lill-Ministru tal-Finanzi u lill-membri tal-kunsill ta' Tmexxija li twaqqaf b'liġi ħalli jmexxi lill-Bank biex "jirripristinaw li stat ta fatt

16 Dok "Ċ", f'paġ. 503 tal-atti tal-kawża 282/77JRM
17 Xhieda ta' Carmel John Mallia 24.3.1995, f'paġġ. 1460 – 2 tal-proċess
18 Xhieda ta' Dennis Degiorgio 24.9.1990, f'paġġ. 337 – 8 tal-atti tal-kawża 282/77JRM
19 Dok f'paġ. 1020 tal-proċess
20 Dok f'paġ. 1017 tal-proċess
21 Dok "EAM1", f'paġ. 767 tal-atti tal-kawża 282/77JRM

esistenti qabel ma saru l-imsemmija trasferimenti invalidi bir-restituzzjoni lill-mittenti tax-*shares*, bid-drittijiet kollha tagħhom";

"Illi xi ftit taż-żmien wara f'Ġunju tal-1976[22], twaqqfet kumpannija kummerċjali bl-isem ta' NBM Investments Limited. Azzjonisti tal-Bank kisbu ishma fl-imsemmija kumpannija (minn issa 'l quddiem imsejħa "NBMI") billi assenjaw lilha l-jeddijiet litiġjużi (jiġifieri t-talba tagħhom u l-jedd ta' azzjoni biex jitolbu t-tħassir tat-trasferiment li huma għamlu tal-ishma li kellhom fil-Bank lill-Gvern ta' Malta) rispettivi tagħhom. Din l-assenjazzjoni saret għall-konsiderazzjoni ta' mitt (100) sehem ordinarju fl-istess NBMI għal kull sehem ordinarju li kull wieħed u waħda miċ-ċedenti kellhom fil-Bank qabel ma assenjawhom lill-Gvern f'Jannar tal-1974. Dawk l-istess azzjonisti huma fost ir-rikorrenti f'din il-kawża;

"Illi b'ittra uffiċjali mressqa fit-18 ta' Awissu, 1976[23], kontra l-imħarrkin, NBMI irriferiet għall-ittra uffiċjali li ntbagħtet mill-istess azzjonisti f'Diċembru tas-sena ta' qabel u tenniet l-istess talbiet. Fis-16 ta' Settembru, 1976, NBMI fetħet kawża ghat-tħassir u rexxissjoni ta' erba' kitbiet minn fost bosta li saru minn azzjonisti biex jgħaddu l-ishma tagħhom lill-Gvern[24];

"Illi din il-kawża nfetħet fit-30 ta' Settembru tal-1992;"

**6.** Illi b'zieda mal-premess, l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata zieded tghid hekk:

"Illi r-rikorrenti f'din il-kawża huma dawk minn fost l-azzjonisti ta' NBM li kienu għażlu li ma jiffirmawx il-kitba li biha ntalbu jittrasferixxu l-ishma tagħhom favur il-Gvern mingħajr ħlas;

"Illi, b'żieda ma' dawk il-fatti, għandu jingħad li waqt il-ħin tal-Aġġornament tas-seduta tal-Kamra tar-Rappreżentanti tal-5 ta' Diċembru, 1973[25], il-Prim Ministru

[22] Affidavit ta' Adrian Busietta § 120, f'paġ. 141 tal-proċess
[23] Dok "EAM2", f'paġ. 772 tal-atti tal-kawża 282/77JRM
[24] Ċitazz. Nru. 282/77 (li s-sentenza tagħha qiegħda tingħata llum ukoll)
[25] Ara traskrizzjoni tal-istqarrija f'paġġ. 304 sa 314 tal-proċess

kien ta stqarrija lill-Kamra dwar il-qagħda tan-NBM u l-ħsieb li kellu l-Gvern dak inhar dwar is-suġġeriment li qal li sarlu minn rappreżentanti tal-istess Bank biex jieħu t-tmexxija tan-NBM f'idejh;

"Illi ġimgħa wara, fis-seduta tat-12 ta' Diċembru, 1973[26], kien għadda mill-Kamra tad-Deputati fl-istadji kollha u bi qbil tal-membri kollha tal-istess Kamra l-Att XLV tal-1973 maħsub "*biex jipprovdi temporanjament sabiex l-amministrazzjoni tan-National Bank of Malta Limited u ta' Tagliaferro Bank Limited it-tmexxija u l-kontinwazzjoni tax-xogħol tagħhom jew ta' xi parti jew partijiet minnu tingħata f'idejn Kunsill ta' Amministrazzjoni u biex jipprovdi għal ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu jew li huma inċidentali għall-għan imsemmi*". Dak l-Att kien ingħata l-Kunsens tal-Gvernatur-Ġenerali dak inhar stess;

"Illi fit-30 ta' Jannar, 1974[27], il-Kamra tad-Deputati għaddiet l-Att IX li jemenda l-Att XLV. Dak l-Att irċieva l-kunsens tal-Gvernatur-Ġenerali fl-1 ta' Frar, 1974. Bis-saħħa tal-imsemmija emendi, tbiddel l-artikolu 3 (dwar kemm kellu jdum fis-seħħ l-Att XLV) u s-sub-artikolu (2) tal-artikolu 4 (dwar kif setgħu jkunu delegati u jitħaddmu s-setgħat tal-Kunsill). Minbarra l-imsemmija bidliet, żdiedu żewġ artikoli ġodda. Wieħed (l-artikolu 11) kien jitkellem dwar it-trasferiment tax-xogħol tal-Bank, u l-ieħor (l-artikolu 12) kien jipprovdi dwar l-effetti tat-trasferiment tax-xogħol tal-Bank;

"Illi bis-saħħa tal-Avviż Legali 27 tal-1974, maħruġ fit-22 ta' Marzu, 1974 (taħt is-setgħa mogħtija fl-artikolu 3 tal-Att XLV biex isiru regolamenti taħt l-istess Att), ingħata Ordni li "*d-disposizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1973 biex Jipprovdi Temporanjament dwar in-National Bank of Malta u l-Bank ta' Tagliaferro li jagħtu jew jimponu funzjonijiet, setgħat jew dmirijiet lill-Kunsill ta' Amministrazzjoni mwaqqaf bl-imsemmi Att għandhom, safejn dawk il-funzjonijiet, setgħat jew dmirijiet jirreferu għax-xogħol u għall-attiv u l-passiv tan-National Bank of Malta Limited u ta' Tagliaferro Bank Limited u mingħajr ħsara għal kull ħaġa li qabel tkun saret jew li naqset milli ssir bis-saħħa tagħhom, jieqfu mis-seħħ fl-24 ta' Marzu, 1974*"."

## Is-Sentenza Appellata

[26] Ara t-traskrizzjoni tad-dibattitu u tal-eżami tal-Parlament f'paġġ. 331 sa 343 u 366 sa 403 tal-proċess

[27] Ara t-traskrizzjoni tad-dibattitu u tal-eżami tal-abbozz mill-Kumitat tal-Kamra f'paġġ. 447 sa tal-proċess

**7.** Illi l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"- - Ommissis - -

"Fil-qofol tiegħu, l-ilment tar-rikorrenti hu li bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Att IX baqgħu ma jistgħux jinżammu u la laqgħat tal-Bord tad-Diretturi ta' NBM u lanqas laqgħat għall-azzjonisti, u dan minbarra li l-Kunsill intimat qatt ma tahom tagħrif dwar dak li kien qiegħed jagħmel fit-tmexxija tal-Bank. B'żieda ma' dan, l-ilment jirrigwarda wkoll it-trasferiment min-naħa tal-Kunsill intimat li jgħaddi l-assi u n-negozju tal-Bank lil BOV b'kuntratt bla ma tħallas korrispettiv u b'hekk is-sehem li r-rikorrenti kellhom żvinta fix-xejn;

"Illi l-Qorti jidhrilha li, qabel ma tgħaddi biex tistħarreġ jekk huwiex minnu li r-rikorrenti ġarrbu ksur ta' xi wieħed mill-jeddijiet fundamentali minnhom imsemmija, jixraq li ssemmi tliet ċirkostanzi partikolari li jsawru din il-kawża;

"Illi l-ewwel ċirkostanza hi li din il-kawża tressqet minn persuni jew entitajiet li ma kinux għażlu li jittrasferixxu l-ishma li kellhom fin-NBM lill-Gvern. Meta daħal fis-seħħ l-Att XLV, ir-rikorrenti kollha kienu azzjonisti tal-Bank u hekk riedu li jibqgħu. Din iċ-ċirkostanza tagħti xejra partikolari lill-kawża għaliex għalkemm huwa minnu li titkellem dwar il-ksur tal-istess jeddijiet fundamentali li dwarhom titkellem il-kawża kostituzzjonali l-oħra li qiegħda tinstema' flimkien magħha, ir-rikorrenti f'dik il-kawża l-oħra ma kinux għadhom aktar azzjonisti tal-Bank meta l-Kunsill intimat kien beda jmexxi n-negozju tal-istess Bank u meta sar il-kuntratt li bis-saħħa tiegħu dak in-negozju u l-assi tiegħu kienu trasferiti lil BOV. Mhux hekk ir-rikorrenti fil-kawża tal-lum: huma kienu baqgħu lkoll azzjonisti tal-Bank u l-Kunsill intimat kien qiegħed imexxi n-negozju f'isimhom u fl-interess tagħhom ukoll;

"Illi t-tieni ċirkostanza hija li r-rikorrenti jibnu l-kawża tal-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom fuq id-dispożizzjonijiet ta' liġi li għaddiet mill-Parlament apposta bil-ħsieb li tirregola b'mod temporanju l-qagħda li tnisslet fil-Bank fl-

ewwel jiem ta’ Diċembru tal-1973. Dik il-liġi – l-Att XLV – kienet liġi maħsuba li tipprovdi dwar l-amministrazzjoni tan-NBM, it-tmexxija u l-kontinwazzjoni tax-xogħol kollu tal-Bank jew parti minnu u li din l-amministrazzjoni tkun fdata fil-Kunsill intimat, minbarra li kellu jipprovdi dwar ħwejjeġ marbuta ma’ dan kollu jew ħwejjeġ anċillari. L-imsemmi Att XLV kien emendat bl-Att IX fi Frar tal-1974. Bis-saħħa tal-Avviż Legali 27 tal-1974[28], l-effetti tal-Att XLV kif emendat waqfu milli jibqgħu fis-seħħ fl-24 ta’ Marzu, 1974, safejn id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Att kienu jagħtu jew jimponu funzjonijiet, setgħat jew dmirijiet lill-Kunsill intimat, u safejn dawk il-funzjonijiet, setgħat jew dmirijiet kienu jolqtu x-xogħol u l-attiv u l-passiv tan-NBM;

“Illi r-rikorrenti jiffokaw l-ilment tagħhom partikolarment fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2(4) tal-Att XLV (kif emendat) għaliex jgħidu li, minkejja li l-effetti tal-liġi tħassru, baqgħu ma tħassrux l-effetti tal-imsemmija dispożizzjonijiet. L-artikolu 2(4) tal-Att XLV (kif emendat bl-artikolu 3 tal-Att IX[29]) kien jgħid hekk: “*Il-Kunsill għandu, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu, u bl-esklużjoni ta’ kull persuna oħra, jeżerċita dwar il-Banek is-setgħat u l-funzjonijiet kollha li jistgħu jiġu eżerċitati mill-Bordijiet tad-Diretturi jew minn xi Direttur; u s-setgħat kollha tal-Bordijiet tad-Diretturi, u ta’ kull direttur jew azzjonista, u tal-Banek f’laqgħa ġenerali jibqgħu provviżorjament mingħajr seħħ: Iżda dawk is-setgħat jistgħu jiġu eżerċitati bl-approvazzjoni tal-Kunsill jew bil-kunsens tiegħu u kull ħaġa jew għemil magħmul bis-saħħa ta’ dawk is-setgħat ikun validu u jkollu effett sħiħ jekk dik il-ħaġa jew dak l-għemil jiġi ratifikat mill-Kunsill*”;

“Illi minħabba r-rilevanza li għandhom għal dan il-każ, il-Qorti sejra ssemmi artikoli oħrajn tal-Att XLV. L-artikolu 2(3) kien jipprovdi li “*Kull riżoluzzjoni meħuda f’laqgħa ġenerali tal-Banek, li tirrevoka, tbiddel jew iżżid mal-Memorandum u l-Istatut li tkun għada (*sic*) ma bdietx isseħħ fit-12 ta’ Diċembru, 1973 skond l-Ordinanza ta’ l-1962 dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali, tkun mingħajr effett sakemm u safejn il-Ministru, b’ordni fil-Gazzetta ma jordnax xort’oħra”*. L-artikolu 4(3) kien jgħid li “*Kull setgħa mogħtija lill-Kunsill b’dan l-Att għandha tiġi eżerċitata mill-Kunsill ħieles minn kull kontroll mill-Bord tad-Diretturi, minn kull Direttur tal-Banek u minn kull azzjonista tal-Banek*”. L-artikolu 6 kien jipprovdi li “*Il-Prim Ministru jista’ b’ordni fil-Gazzetta jeżenta lill-Kunsill jew lil xi membru tiegħu, milli jħares xi dispożizzjonijiet tal-liġi ta’ Malta dwar soċjetajiet kummerċjali li fil-fehma tal-Prim Ministru ma jkunx possibbli jew xieraq li jiġu mħarsa fiċ-ċirkostanzi*”. L-artikolu 9 kien jgħid li “*Ma hemm ebda obbligu li l-Kunsill isejjaħ laqgħat ġenerali tal-Banek jew laqgħat tal-Bordijiet*

[28] Li jġib id-data tat-22 ta’ Marzu 1974 bħala l-jum meta kellu jibda jseħħ
[29] Billi żdied il-*proviso* mal-imsemmi sub-artikolu

*tad-Diretturi*". L-artikolu 10 tal-Att XLV kien jipprovdi li "*L-egħmil u dak kollu li jsir mill-Kunsill, jew minn xi persuna jew persuni awtorizzati jew nominati mill-Kunsill, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lill-Kunsill b'dan l-Att ikollu l-istess effett u jkun jorbot lill-Banek l-istess qiesu dak l-egħmil u dak kollu li jsir ikun ġie magħmul mill-Bord tad-Diretturi tal-Banek*". L-artikolu 11 (li kien iddaħħal bl-artikolu 4 tal-Att IX) kien jipprovdi dwar ordnijiet li kienu jistgħu jsiru lill-Kunsill intimat biex jittrasferixxi favur terza persuna li tkun indikata lilu f'ordni bħal dik, kull xogħol tal-Bank, magħdud l-attiv u l-passiv kollu tiegħu u li l-Kunsill kien marbut li "jagħti seħħ lil dak l-ordni". Ordni bħal dik setgħet tingħata jew bis-saħħa ta' riżoluzzjoni straordinarja meħuda f'laqgħa ġenerali tal-Bank, jew b'riżoluzzjoni iffirmata minn azzjonist jew azzjonisti li jkollhom b'kollox numru ta' azzjonijiet li bihom tista' tittieħed riżoluzzjoni bħal dik[30]. L-artikolu 11(3) kien jipprovdi li "*Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, id-dritt għall-vot f'laqgħa ġenerali jew għall-iffirmar ta' riżoluzzjoni kif provdut fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu għandu, dwar kull wieħed minn dawk il-Banek, ikun mingħajr kwistjoni vestit f'min fid-data tar-riżoluzzjoni jew tal-firma jkun jidher fuq ir-reġistru tal-membri miżmum minn dak il-Bank bħala d-detentur ta' l-azzjoni jew azzjonijiet li jagħtu d-dritt lid-detentur tagħhom li jivvota f'laqgħat ġenerali ta' dak il-Bank; u kull kwistjoni dwar min hu membru li titqajjem qabel l-imsemmija data għandha tiġi deċiża mill-Kunsill li d-deċiżjoni tiegħu tkun finali u konkluživa*". L-artikolu 12 kien jitkellem dwar l-effetti tat-trasferiment tax-xogħol tal-Bank. B'mod partikolari, l-Qorti tindika l-artikolu 12(1) li kien jgħid li "*Meta x-xogħol ta' xi wieħed mill-Banek jiġi trasferit kif provdut fl-artikolu 11 ta' dan l-Att u l-attiv ta' dak il-Bank ikun jinkludi azzjonijiet fil-bank l-ieħor, u n-numru ta' dawk l-azzjonijiet hekk inklużi jkun biżżejjed sabiex tgħaddi riżoluzzjoni straordinarja f'laqgħa ġenerali ta' dak il-bank, it-trasferiment tax-xogħol li jsir kif intqal qabel għandu, kemm-il darba ma jiġix provdut xort'oħra fit-trasferiment, jitqies li jinkludi x-xogħol ta' dak il-bank l-ieħor, inkluż l-attiv u l-passiv tiegħu*";

"Illi t-tielet ċirkostanza partikolari f'din il-kawża hija li, għall-kuntrarju ta' dak li jirriżulta mill-kawża kostituzzjonali l-oħra li kienet tinstema' flimkien ma' din, ir-rikorrenti jsejsu l-ilment tal-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom kemm taħt il-Kostituzzjoni (l-artikoli 37 u 42) u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni (l-artikolu 11);

"Illi l-Qorti sejra tqis l-ewwel **l-ilment tar-rikorrenti dwar il-ksur tal-jedd imħares mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**. Ir-rikorrenti jilmintaw mill-fatt li, minkejja li żammew l-ishma tagħhom fil-Bank, il-Kunsill intimat taħt id-direzzjoni tal-intimati l-oħrajn, ittrasferew in-negozju flimkien mal-assi u d-djun tal-Bank lil terzi bla ma r-rikorrenti taw jew setgħu jagħtu l-kunsens tagħhom u, fuq kollox, bla ma ntalab u bla ma tħallas l-ebda korrispettiv jew konsiderazzjoni minn min

[30] Art. 11(2) tal-Att XLV tal-1973

kiseb dak in-negozju u dawk l-assi. Min-naħa tagħhom, l-intimati Onorevoli Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi jgħidu li kulma sar twettaq taħt is-saħħa ta' liġijiet mgħoddija mill-Parlament maħsuba biex jirregolaw u jamministraw l-assi tal-bank fl-interess tad-depożitanti u tal-impjegati u għalhekk ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għall-ħarsien mit-teħid tal-ġid bla kumpens, minħabba li dawk il-liġijiet jaqgħu taħt il-kappa tal-artikolu 37(2) tal-Kostituzzjoni;

"Illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jrid li "*(1) Ebda proprjeta' ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjeta' ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm dispożizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist – (a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq; (b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjeta' u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u (ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta. ....*";

"Illi s-sub-artikolu (2) tal-istess artikolu jislet sensiela ta' ċirkostanzi li, minkejja li fihom jittieħed il-pussess jew l-akkwist ta' proprjeta', ma jitqisux bħala għemejjel li jsiru bi ksur tal-jedd imħares fis-sub-artikolu (1) fuq imsemmi. Is-sub-artikolu (4) mbagħad jipprovdi li "*Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta' xi liġi għat-teħid ta' pussess obbligatorju fl-interess pubbliku ta' xi proprjeta', jew l-akkwist obbligatorju fl-interess pubbliku u ta' xi interess fi jew dritt fuq proprjeta', meta dik il-proprjeta', interess jew dritt huwa miżmum minn għaqda korporata li hija mwaqqfa għal skopijiet pubbliċi minn xi liġi u li fiha ebda flejjes ma ġew investiti barra minn flejjes provduti minn xi leġislatura f'Malta*";

"Illi f'din il-kawża, jidher li l-konsiderazzjonijiet li l-Qorti trid tagħmel jixxiebħu ma' dawk li għamlet fil-kawża kostituzzjonali l-oħra li qiegħda tinstema' flimkien ma' din. Is-sottomissjonijiet li ressqu l-partijiet fil-kawża l-waħda u l-oħra huma l-istess ukoll. Madankollu, kif issemma aktar qabel, waħda miċ-ċirkostanzi partikolari f'din il-kawża hi li r-rikorrenti kienu kollha żammew l-ishma li huma kellhom fil-Bank. Għalhekk, jekk dak li ġarrbu dawk li kienu ċedew l-ishma tagħhom fil-Bank kien jammonta tabilħaqq għal ksur tal-jedd tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom u l-ħarsien mit-teħid tiegħu bla kumpens, *multo magis* imissu jgħodd għal dawk l-azzjonisti li ma ridux iċedu l-ishma tagħhom u żammewhom minkejja t-talbiet li sarulhom;

"Illi d-dispożizzjonijiet tal-artikolu tal-Kostituzzjoni jidher li jitkellmu dwar it-**teħid** ta' pussess ta' ħaġa – tkun ta' liema sura tkun, kemm mobbli u kif ukoll immobbli – b'mod obbligatorju, u mhux dwar xi għamla oħra ta' tnaqqis tal-istess pussess[31]. Madankollu, t-tifsir mogħti mill-ġurisprudenza stabilita tal-qrati Maltin hija fis-sens li t-teħid *de facto* ta' ġid tagħti lok għal ċaħda ta' pussess meqjus ukoll bħala ksur tal-jedd għat-tgawdija tal-proprjeta' għall-finijiet ta' l-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni, u jitlob ukoll li jkun hemm ħlas ta' kumpens xieraq[32]. Kif ingħad f'dan ir-rigward u bi tqabbil mal-ħarsien li jagħti l-artikolu relattiv taħt il-Konvenzjoni, dan ifisser li biex ikun hemm tneħħija jew privazzjoni tal-proprjeta' jeħtieġ jintwera li din tkun seħħet b'effett dirett ta' xi għamil tal-Istat u li ma jkunx biżżejjed li jkun hemm indħil jew ċaħda tad-dritt tat-tgawdija paċifika tal-istess proprjeta' bħala rifless ta' għamil bħal dak[33]. Minbarra dan, ikun seħħ ksur tal-artikolu 37 jekk kemm-il darba t-teħid tal-pussess ma jkunx akkumpanjat bi ħlas ta' kumpens xieraq u jekk dak it-teħid ma jkunx imħares b'liġi u l-persuna li tippretendi kumpens għal teħid bħal dak ma jkollhiex rimedju quddiem qorti, ukoll b'jedd ta' appell;

"Illi r-rikorrenti jissottomettu li għalkemm l-ishma li żammew għandhom baqgħu ma tteħdulhomx, fil-fatt kull ġid li dawk l-istess ishma kienu jirrappreżentaw ittieħed mingħajr (jekk mhux kontra) ir-rieda tagħhom meta l-Kunsill intimat ittrasferixxa n-negozju u l-assi u d-djun tal-bank lil BOV bla ma sar ħlas;

"Illi, fis-sottomissjonijiet tagħhom, ir-rikorrenti jressqu t-teżi li t-teħid tal-ishma kien parti minn tfassila tal-Gvern ta' dak iż-żmien li jieħu taħt idejh "dominanza assoluta ... fis-settur ekonomiku" li kienet tinvolvi ndħil f'kull qasam tal-ekonomija, sal-kontroll tal-prezzijiet tal-anqas ħaġa li wieħed ried jixtri[34]. Jimplikaw li dak li għadda minnu l-Bank kien maħsub, imfassal u orkestrat mill-Gvern biex jieħu l-Bank taħt idejh[35]. Intuża kliem iebes ukoll dwar il-proċess kollu li wassal għat-teħid tal-ishma, li ġie mfisser bħala "stupru legali"[36]. Tressqu xiehda biex juru li, mqar meta l-assi tal-Bank għaddew għand Bank of Valletta, baqgħu jittieħdu miżuri biex kumpanniji ta' azzjonisti tan-NBM baqgħet issirilhom persekuzzjoni u baqgħu jingħataw trattament iebes li sata' kien il-kaġun li wassalhom għar-rovina finanzjarja[37];

---

31 Ara Kost. **1.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Curmi noe et vs L-Onor. Prim Ministru noe et***
32 Ara Kost. **30.4.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Mintoff et vs Onor. Prim Ministru*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.206**)
33 Kost. **30.11.2001**fil-kawża fl-ismijiet ***Galea et vs Briffa et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.540**)
34 Nota ta' Sottomissjonijiet, f'paġġ. 672 – 3 tal-proċess
35 Affidavit ta' Adrian Busietta § 108, f'paġ. 94 tal-proċess
36 Xhieda ta' Henry Micallef 27.5.1999, f'paġ. 1510 tal-atti tar-Rik 390/92
37 Affidavit tal-Prof. Joseph M. Ganado 3.10.2000 u 26.10.2000 u ta' Joseph Rizzo 23.10,2000, f'paġġ. 1544 – 8, 1561 – 4 u 1568 – 1570 tal-atti tar-Rik. 390/92

"Illi huma jżidu jgħidu li saħansitra l-liġi li għaddiet b'ħeffa mill-Parlament ma kenitx liġi li tippreskrivi rimedju għat-teħid tal-ishma u tal-assi tal-Bank, imma waħda mgħoddija *ad hoc* li kienet tirratifika l-passi amministrativi meħuda biex titneħħa kull setgħa li l-azzjonisti kellhom u biex tingħata x-xeħta tal-legalita' f'dak kollu li sar;

"Illi l-Qorti tibda billi ssib li ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-ishma li r-rikorrenti kellhom fil-Bank jaqgħu tabilħaqq taħt it-tifsira ta' "proprjeta'" kif maħsuba fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Lanqas ma għandu jkun hemm dubju li ċ-ċessjoni ta' dawk l-ishma wassal biex l-azzjonisti tneżżgħu mill-pussess mhux biss tal-ishma (bħala ċertifikat jew titolu), imma wkoll ta' kull setgħa, jedd jew ġid li għalihom dawk l-ishma kienu jintitolaw lil kull azzjonist tal-Bank. Il-Qorti hija tal-fehma li, minkejja li l-ishma seta' ma kellhomx valur kummerċjali fiż-żmien li saru ċ-ċessjonijiet minħabba l-qagħda li l-Bank kien sab ruħu fiha, madankollu ħadd ma jista' jiċħad li l-Bank, f'dak l-istess żmien, kellu assi ta' ċerta konsistenza. Ta' min jgħid li dawk l-istess assi ngħataw lill-bank il-ġdid li nħalaq f'Marzu tal-1974 (Bank of Valletta) u dan inqeda bihom u, f'xi każijiet, għadu jinqeda bihom sallum;

"Illi l-Qorti tqis li, għall-finijiet tal-istħarriġ li trid tagħmel f'din il-kawża u biex tindirizza l-ilmenti tar-rikorrenti, jkun biżżejjed li joħroġ li bit-trasferiment tan-negozju tal-Bank bla ma ssejħet laqgħa għal dawk l-azzjonisti li, flimkien mal-Gvern, kienu l-azzjonisti tal-istess Bank, seħħ teħid imġiegħel ("*compulsory*") tal-ġid li l-istess rikorrenti kellhom jew sata' kellhom fil-Bank bis-saħħa tal-ishma li żammew għandhom. Biex jidħol fis-seħħ il-ħarsien tal-jedd imħares fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhuwiex meħtieġ li t-teħid tal-pussess tal-ġid ikun riżultat ta' vjolenza jew tehdid fuq is-sid li jintalab jitlaq il-ġid minn taħt idejh;

"Illi mix-xhieda mressqa f'din il-kawża u fl-oħrajn li kienu mexjin magħha, joħroġ b'mod ċar u konsistenti li hekk kif il-Parlament għadda l-Att XLV, il-Kunsill intimat beda jmexxi minnufih u jieħu deċiżjonijiet ta' tmexxija minflok il-Bord li l-Bank kellu qabel ma twaqqaf it-tħaddim tiegħu fl-10 ta' Diċembru 1973. Joħroġ ukoll li l-Kunsill intimat ma ikkonsultax mal-azzjonisti dwar dak li kien isir u ma sarux sejħat ta' laqgħat għall-azzjonisti minn dak inhar li l-Kunsill beda l-ħidma tiegħu sa dak inhar li sar il-kuntratt tat-trasferiment tan-negozju u l-assi u d-djun tal-Bank favur BOV f'Marzu tal-1974. Minbarra dan, it-twaqqif tal-Kunsill u l-ħtieġa li l-Gvern ikollu f'idejh il-biċċa l-kbira tal-ishma fil-Bank kienu mħeġġa, saħansitra minn uffiċjali tal-Bank innifsu, bħala egħmil inevitabbli fiċ-ċirkostanzi

li bis-saħħa tiegħu setgħu jkunu salvati l-impiegi tal-ħaddiema tal-Bank innifsu u d-depożiti tal-klijenti tiegħu. L-alternattiva kienet li l-azzjonisti jibqgħu jżommu l-ishma u l-Bank jitħalla għal riħu. L-intimati ma merew xejn minn dawn il-provi. Għall-kuntrarju, joħroġ ċar ukoll mill-istess atti proċesswali li ċ-ċessjoni tal-ishma (fi kwota ta' mhux anqas minn tnejn minn kull tlieta tal-interess azzjonarju kollu tal-Bank) kienet kundizzjoni li l-Gvern innifsu impona biex jikkonsidra li jniedi l-proċeduri biex jikseb it-tmexxija tal-Bank f'idejh;

"Illi l-Qorti jidhrilha li għandha tirrileva li meta l-Parlament kien qiegħed jiddiskuti l-Att XLV, ħareġ b'mod ċar mill-interventi li saru fil-Kamra tad-deputati li diġa kien hemm il-ħsieb li kellu jinħalaq bank ġdid "bl-*assets* u l-*liabilites* li hemm hemmhekk"[38] (jiġifieri fin-NBM). Hekk ukoll ingħad li "ix-*shareholders* żvestew ruħhom mill-proprjeta' u din għaddiet lill-Gvern"[39]. Intervent ieħor kien jgħid li bil-fatt li l-Gvern kien indaħal biex jieħu t-tmexxija tal-Bank f'idejh, "*qiegħed jieħu riskju l-Gvern u qed jieħu a conscious risk – mhux qed jiddispjaċih li qed jieħu dan ir-riskju għax qed jieħdu fl-interess tan-nazzjoni – mhux qed jieħdu fl-interess tax-shareholders, fl-interess tan-nazzjon qed jieħdu*"[40]. Il-Qorti tirrileva li l-liġi kienet approvata mill-kamra *nem con* (bla ma kien hemm vot kuntrarju);

"Illi l-Qorti qiegħda żżomm quddiem għajnejha wkoll li, ukoll jekk dak it-teħid kien maħsub għall-ġid usa' tal-interessi tal-impjegati tal-Bank u kif ukoll, b'mod partikolari, fl-interessi tad-depożitanti tiegħu, il-kundizzjoni li ntgħamlet mill-Gvern kienet li dawk li l-ishma li ried jikseb stenna li jiksibhom bla ma jħallas kumpens. Jidher li dan l-atteġġament imbagħad ittenna fil-konfront tar-rikorrenti (jew l-awturi tagħhom) li minkejja li żammew l-ishma tagħhom (ukoll jekk issa saru azzjonisti minoritarji) xorta waħda baqgħu ma ngħatawx kumpens meta n-negozju, l-assi u d-djun tal-Bank għaddew lil BOV. Minn dan toħroġ l-obbligatorjeta' fit-teħid tal-ġid. Minbarra dan, lanqas kien hemm liġi li tiggarantixxi lil dawk l-azzjonisti aċċess għal qorti jew tribunal biex jiddetermina l-interessi tal-azzjonisti u l-ammont tal-kumpens li seta' jkun lilhom dovut. Għall-kuntrarju, l-Att XLV kien jagħti lill-Kunsill intimat setgħat hekk qawwija li kien jista' jmexxi n-negozju tal-Bank li kien fdat f'idejh bl-usa' diskrezzjoni u bla ebda ndħil mill-azzjonisti jew mid-Diretturi. L-istess Att kien saħansitra issospenda kull setgħa li r-rikorrenti bħala azzjonisti setgħu jeżerċitaw biex iħarsu l-interessi tagħhom fil-Bank u kif ukoll billi l-Kunsill intimat seta' joqgħod fuq riżoluzzjoni iffirmata biss mill-azzjonist ewlieni u maġġoritarju (il-Gvern) biex jieħu d-deċiżjonijiet l-aktar radikali li jolqtu mhux biss it-tmexxija iżda wkoll l-entita' u l-ġejjieni tan-negozju u l-ġid tal-Bank. F'dan ir-rigward il-Qorti terġa'

38 Dok "SNP2". Seduta Parlamentari 12.12.1973, f'paġ. 372 tal-proċess
39 *Ibid.* Stadju tal-Kumitat, f'paġ. 410 tal-proċess
40 *Ibid.* intervent ta' Dr Mario Felice f'paġ. 400 tal-proċess

tirreferi għall-partijiet li siltet mill-Att XLV aktar ’il fuq biex tindika għaliex qiegħda tasal għal din il-fehma tagħha;

“Illi għalkemm l-intimati jissottomettu li l-Att XLV huwa liġi mħarsa bid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37(2) tal-Kostituzzjoni, ma fissrux taħt liema waħda mill-ħdax-il ċirkostanza hemm imsemmija wieħed jista’ jqiegħed l-imsemmi Att. L-eqreb ċirkostanza li wieħed jista’ jsib hija dik maħsuba fl-artikolu 37(2)(ġ) tal-Kostituzzjoni, iżda ċ-ċirkostanzi partikolari tal-qagħda li dak l-Att ried iħares żgur ma jistax jingħad li kien qiegħed iħares l-għoti jew l-amministrazzjoni ta’ proprjeta’ f’isem jew għall-benefiċċju tal-persuna intitolata meta ħareġ ċar li l-liġi ma saritx fl-interess tal-azzjonisti tal-Bank. Fuq kollox, mhuwiex xogħol il-Qorti li tissupplementa hi għal dak li l-parti fil-kawża jmissha tieħu ħsieb li tiċċara u tfiehem għall-kunsiderazzjoni tagħha;

“Illi, minbarra dan, fil-fehma tal-Qorti l-fatt li l-miżuri meħuda mill-Gvern kienu maħsuba biex jevitaw ħsara akbar lil għadd kbir ta’ persuni (depożitanti u impjegati) u jbiegħdu malajr kemm jista’ jkun it-theżhiż fil-qasam ekonomiku ta’ Malta (tant li fil-Parlament dawn il-miżuri ssejħu bħala “*salvage operation*” li qablet magħha saħansitra l-Oppożizzjoni ta’ dak iż-żmien[41]), ma kienx jeħles lill-Gvern milli jagħmel dak li kien meħtieġ li jsir bla ma jitfa’ piż mhux proporzjonat fuq l-azzjonisti. Fil-fehma tal-Qorti, tali piż intefa’ bil-fatt li, wara li xejjen is-setgħat li l-azzjonisti seta’ kellhom fuq il-Bank, għadda t-tħaddim tal-istess Bank u l-assi u l-passiv li kellu lil bank kummerċjali ieħor li nħalaq apposta biex jieħu l-assi u t-tmexxija tal-interessi kollha tal-NBM u l-Bank ta’ Tagliaferro. Dan kollu sar bla ma ngħata l-ebda kumpens lill-azzjonisti;

“Illi fis-sottomissjonijiet tagħhom[42], l-intimati jisħqu li ma kien hemm l-ebda teħid obbligatorju tal-ġid tar-rikorrenti. Joqogħdu fuq l-argument li kienet għaddiet riżoluzzjoni f’laqgħa msejħa mill-Bank għall-azzjonisti tiegħu li tgħid li kien hemm qbil li l-ishma jkunu ċeduti lill-Gvern bla ħlas. Jgħidu li dawk mir-rikorrenti jew l-awturi tagħhom li qagħdu għal dik ir-riżoluzzjoni u għażlu li jċedu l-ishma tagħhom favur il-Gvern għamlu dan minn rajhom u mhux għaliex kienu mġiegħla. Huwa minnu li l-għażla ma kenitx ordni u li, minkejja r-riżoluzzjoni, kien hemm azzjonisti li ma segwewhiex. Iżda bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista’ wieħed jgħid li l-azzjonisti li ċedew l-ishma tagħhom għamlu dan bla ma qiesu l-kuntest li fih saret dik ir-riżoluzzjoni. Bla ma toqgħod ittenni l-istess konsiderazzjonijiet, il-Qorti tirreferi għal dak li ssemma aktar ’il fuq dwar l-aspett tal-obbligatorjeta’ tat-teħid tal-pussess. Jekk dan kollu jgħodd għal dawk minn

[41] Ara Dibattitu Parlamentari – Seduta 30.1.1974, f’paġ. 448 tal-proċess
[42] Nota ta’ sottomissjonijiet, f’paġġ. 756 – 7 tal-proċess

fost l-azzjonisti li għażlu li jassenjaw l-ishma li kellhom, jgħodd aktar għal dawk, bħar-rikorrenti, li għażlu li jibqgħu jżommuhom;

"Illi l-intimati jgħidu li ma kien hemm l-ebda għażla oħra fiċ-ċirkostanzi jekk mhux it-teħid tal-ishma tal-bank bla ħlas. Ir-rikorrenti jgħidu li kien hemm soluzzjoni oħra iżda l-intimati għażlu li ma jħalluhiex tittieħed. F'kull każ, il-Qorti hija tal-fehma li, ġraw kif ġraw l-affarijiet u kien hemm jew ma kienx hemm soluzzjonijiet oħra (wara l-fatt mhux ħaġa iebsa li wieħed ikollu dehen aħjar li ma jkunx jidher waqt li l-qiegħa tkun għadha sħuna), n-nuqqas sħiħ ta' għoti ta' kumpens lir-rikorrenti jew l-awturi tagħhom hu ċirkostanza li tixhed l-imsemmi nuqqas ta' proporzjonalita'. Huwa mgħallem f'dan ir-rigward li "*the taking of property without payment of an amount reasonably related to its value will normally constitute a disproportionate interference. However, legitimate objectives of 'public interest may call for less than reimbursement of the full market value'. A total lack of compensation can be considered justifiable only in exceptional circumstances. Such a lack of compensation does not make a deprivation eo ipso wrongful, provided that the interference in question satisfies the requirement of lawfulness and is not arbitrary. Decisive is, whether in the context of a lawful expropriation a disproportionate and excessive burden has been imposed on the individual. This requires an overall examination of the various interests in issue, b(e)aring in mind that the Convention is intended to safeguard rights that are 'practical and effective'. Therefore, it is necessary to look behind appearances and investigate the realities of the situation complained of. That assessment may involve not only the relevant compensation terms, but also the conduct of the parties. In that context uncertainty is a factor to be taken into account in assessing the State's conduct. Public authorities have to act in good time as well as in an appropriate and consistent manner*"[43];

"Illi tressaq l-argument min-naħa tal-intimati li dak li għamel il-Gvern kien tabilħaqq fl-interess pubbliku u kien ukoll fl-interess tal-istess rikorrenti safejn dawn (jew uħud minnhom) kellhom flejjes jew depożiti fil-Bank. Il-Qorti, filwaqt li tagħraf li jista' jkun minnu li dan kien il-każ, ma jidhrilhiex li b'daqshekk il-Gvern ħeles lilu nnifsu milli jqis l-għoti ta' kumpens għat-teħid tal-ishma jew għat-trasferiment favur BOV bla ma ngħata kumpens lill-azzjonisti. Ma kienx meħtieġ li l-kumpens ikun stabilit mat-trasferiment, għaliex kien ikun biżżejjed li jinħalaq mekkaniżmu jew kriterju ta' kumpens wara l-fatt u wara li l-qagħda tkun ikkalmat. Iżda li ma jkun kunsidrat l-ebda għamla ta' kumpens minkejja kollox u bħallikieku dak li sar tar mar-riħ, ma joqgħodx fil-parametri ta' eċċezzjonalita' u

[43] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), § 17.4.2, f'paġġ. 882 – 3

tan-nuqqas ta’ ndħil sproporzjonat li jissemma fis-silta ta’ hawn fuq[44] u għalhekk il-Qorti ssaħħaħ il-fehma tagħha li minn dan l-aspett ir-rikorrenti wkoll għandhom tabilħaqq għaliex jilmintaw[45]. Effettivament, jidher li dan huwa l-ilment ewlieni tagħhom illum il-ġurnata;

“Illi ħareġ ukoll li sa ma r-rikorrenti jew l-awturi tagħhom intalbu jċedu l-ishma tagħhom fil-Bank, l-istess Bank kien ġid tal-privat. Hekk kif saru ċ-ċessjonijiet, l-interess u l-jeddijiet marbuta mal-istess ishma għaddew f’idejn il-Gvern (rappreżentat mill-Kunsill intimat). Aktar ’il quddiem, f’Marzu, dawk l-interessi u dawk il-jeddijiet għaddew f’idejn entita’ li kienet kontrollata u miżmuma b’mod maġġoritarju mill-Gvern. Għalhekk, iċ-ċessjonijiet u t-trasferiment sussegwenti jikkostitwixxu t-tneħħija tal-pussess u t-tgawdija minn persuni privati favur l-awtorita’ pubblika. Fiż-żewġ każijiet tal-imsemmija trasferimenti, ma ngħata l-ebda kumpens lir-rikorrenti jew l-awturi tagħhom;

“Illi r-rikorrenti jżidu jargumentaw li ġarrbu ksur tal-jedd fundamentali tagħhom għat-tgawdija paċifika ta’ ħwejjiġhom għaliex it-teħid tal-ishma seħħ bla ma kien hemm liġi fis-seħħ li tirregola dak it-teħid[46]. Huma jgħidu li, minflok ma l-Gvern ħaddem il-liġi li kienet fis-seħħ dak iż-żmien – l-Att tal-1970 dwar il-Kummerċ Bankarju – u mexa magħha, qabad u għadda mill-istadji kollha tagħha liġi mfassla apposta għall-każ f’seduta waħda tal-Parlament. Minbarra f’dan, hekk kif għaddiet mill-fażijiet kollha, fi ftit ġimgħat reġgħet inbidlet biex tadatta għaċ-ċirkostanzi kollha li kienu manifestaw irwieħhom sa dak inhar. Jissottomettu li dan il-metodu ta’ egħmil ta’ liġi ma kien xejn għajr *messa in scena* biex illegalita’ tinsatar taħt il-kisja tal-legalita’. B’dan il-mod, ir-rikorrenti jgħidu li ġiet nieqsa l-prevedibilita’ tal-liġi li hija rekwiżit meħtieġ għall-ħarsien tal-jedd maħsub fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni; reġa’ ma sar l-ebda provvediment dwar il-ħlas ta’ kumpens; u, fuq kollox, kienet liġi magħmula għall-każ speċifiku. Mis-siltiet li din il-Qorti għażlet tad-dispożizzjonijiet tal-Att XLV, toħroġ il-fehma li dak l-Att u l-emendi li saru fih bis-saħħa tal-Att IX ma kienx maħsub bl-ebda mod li jqis l-interessi tal-azzjonisti tal-Bank u għalhekk wisq anqas li kien strument legali li jħares il-jedd tagħhom għall-ħarsien ta’ ħwejjiġhom u n-nuqqas ta’ teħid ta’ dak il-ġid bla ma jingħata kumpens xieraq. X’aktarx li l-ħsieb tal-leġislatur kien li dawk l-azzjonisti ma kien għad fadlilhom l-ebda ġid fil-Bank. Wara li rat sewwa u b’reqqa l-atti proċesswali, l-Qorti ma taqbilx li dan kien tabilħaqq il-każ;

[44] Ara, f’dan ir-rigward, Kost. **10.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Beżżina Wettinger et vs Kummissarju tal-Artijiet*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.312**)
[45] Ara Kost. **2.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Allied Newspapers Ltd. vs Avukat Ġenerali et*** (Kolleż. Vol: **LXXXVII.i.514**)
[46] Nota ta’ Sottomissjonijiet f’paġġ. 677 – 9 tal-proċess

"Illi l-intimati jisħqu li meta l-azzjonisti ntalbu jċedu l-ishma li kellhom fil-Bank il-qagħda tal-istess Bank kienet mgħarrqa tant li tista' tgħid kien fallut. Minħabba f'hekk, iżidu jgħidu li l-Gvern ħa riskju qawwi li jieħu t-tmexxija tal-Bank f'idejh u li biex għamel dan investa flus pubbliċi biex ta kapital ġdid lill-impriża li kienet sejra titwaqqaf biex tkompli t-tmexxija. Il-Qorti tagħraf li l-qagħda mqanqla li nbniet fl-aħħar ġimgħat tal-1973 kienet tabilħaqq waħda fejn il-vijabilita' tal-Bank kienet twieżen fuq xifer irdum u li, minn ħin għal ieħor, sata' jagħlaq il-bibien għan-negozju fost klima aktar inċerta mkebbsa mill-paniku ġenerali li kien inħalaq u li nfirex f'qasir żmien. Imma l-Qorti tqis ukoll li l-istess ġid li kellu l-Bank f'dawk il-jiem (fosthom ġid immobbli u sedi ta' fergħat) ittieħed ukoll mill-Gvern hekk kif l-azzjonisti ċedew l-ishma tagħhom. Dak il-ġid intuża b'mod vantaġġuż kemm fiż-żmien li l-Bank kien qiegħed jitmexxa mill-Kumitat ta' Amministrazzjoni u kif ukoll meta l-operazzjoni għaddiet għand il-Bank of Valletta (għaliex il-kuntratt tat-22 ta' Marzu, 1974, kien jistipula li l-assi u d-djun tal-Bank inkisbu mill-bank il-ġdid). Tqis ukoll li, sa mill-ewwel żminijiet li t-tmexxija tal-Bank għaddiet f'idejn il-Gvern, in-negozju kien wieħed stabbli, qawwi u, fuq kollox, kien konsistentement jirrendi qligħ. Dan ukoll – u b'aktar konsistenza – baqa' jsir wara li l-assi nkisbu mill-BOV. F'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet magħmula mir-rikorrenti fin-Nota tagħhom[47];

"Illi fil-fehma tal-Qorti, dan kollu jfisser ħaġa waħda: li għalkemm huwa minnu li fiż-żmien li l-azzjonisti ntalbu jċedu favur il-Gvern l-ishma tagħhom fil-Bank dawk l-ishma ma kellhomx aktar valur negozjabbli minħabba l-qagħda ta' nuqqas ta' likwidita' tal-Bank, madankollu hija ħaġa daqstant ieħor ċerta li l-ġid li kien hemm fil-Bank kien ġid sostanzjali (fis-sottomissjonijiet tagħhom ir-rikorrenti jsejħulu "proprjeta' attwali"[48]) li kien jisboq l-ammont tal-passiv u d-djun li seta' kien hemm. Kien ġid li kien jiswa (kemm bħala valur intrinsiku u kif ukoll bħala utilita') u sewa tassew ukoll fit-tmexxija tal-impriża l-ġdida li ssoktat il-ħidma tal-Bank. Kien ġid li ħareġ minn idejn l-azzjonisti u li tiegħu ma ngħataw l-ebda kumpens;

"Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma sħiħa li r-rikorrenti tassew ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom imħares bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni għaliex bil-fatt li n-negozju tal-Bank, magħduda l-assi u d-djun tiegħu, għaddew favur terzi bla ma ngħata l-ebda kumpens lir-rikorrenti (jew l-awturi tagħhom) sar bi ksur ta' l-aktar elementi bażilari li jitlob dak l-artikolu;

[47] Paġġ. 712 – 3 tal-proċess
[48] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 669 tal-proċess

"Illi l-Qorti tgħaddi biex tqis **l-ilment tar-rikorrenti dwar il-ksur tal-jedd imħares mill-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 11 tal-Konvenzjoni**. L-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni, fil-partijiet rilevanti tiegħu, jgħid li: "*(1) Ħlief bil-kunsens tiegħu stess jew bħala dixxiplina tal-ġenituri ħadd ma għandu jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-liberta' tiegħu ta' għaqda u assoċjazzjoni paċifika, jiġifieri, d-dritt tiegħu li jingħaqad paċifikament u liberament u jassoċja ma' persuni oħra u b'mod partikolari li jifforma jew jappartieni lil trade union jew unions jew assoċjazzjonijiet oħra għall-protezzjoni ta' l-interessi tiegħu....*". L-artikolu 11 tal-Konvenzjoni jgħid li "*(1) Kulħadd għandu d-dritt għal-liberta' ta' għaqda paċifika u għal-liberta' ta' assoċjazzjoni ma' oħrajn, inkluż id-dritt li wieħed jifforma u jidħol fi trade unions għall-protezzjoni ta' l-interessi tiegħu. (2) Ma għandu jkun hemm ebda restrizzjonijiet fuq l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet ħlief dawk li jkunu preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjeta' demokratika fl-interessi tas-sigurta' nazzjonali jew tas-sigurta' pubblika, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor ....*";

"Illi r-rikorrenti jisħqu li l-jedd li jgawdu l-assoċjazzjoni tagħhom bħala azzjonisti tal-Bank inġab fix-xejn bil-mod kif imxew l-intimati sa ma ħadu l-Bank f'idejhom. Jgħidu li dan jgħodd kemm għal dawk l-azzjonisti li ċedew l-ishma tagħhom fil-Bank u wisq aktar għal dawk (bħar-rikorrenti u l-awturi tagħhom) li webbsu rashom u żammew l-ishma tagħhom. F'dak li jirrigwarda ċ-ċirkostanzi li jsawru dan il-każ, huma jgħidu li l-fatt li d-drittijiet kollha normalment mogħtija lill-azzjonisti fil-liġi kienu sospiżi bis-saħħa tal-Att XLV, wassal biex ma setgħux igawdu l-jeddijiet tagħhom bħala membri ta' assoċjazzjoni[49];

"Illi l-intimati, min-naħa tagħhom[50], jgħidu li l-artikolu 42 ma jgħoddx għar-rikorrenti fil-kwalita' tagħhom ta' azzjonisti ta' kumpannija (il-Bank). Jisħqu li l-artikolu 11 tal-Konvenzjoni jirregola primarjament il-jedd ta' assoċjazzjoni fi trade union. Iżidu li r-rikorrenti kienu eżerċitaw il-jeddijiet tagħhom liberament u ma sar xejn li żammhom milli jagħmlu l-għażliet li dehrilhom li kien jaqblilhom jagħmlu. Huma jgħidu li, f'kull każ, ħadd ma fixkel lill-istess rikorrenti milli jingħaqdu bħala azzjonisti f'kumpannija u lanqas ħadd ma ġegħilhom jinħallu minnha. Mhux hekk biss, imma l-istess rikorrenti (flimkien ma' oħrajn) daħlu f'assoċjazzjoni oħra (NBMI) sewwasew bil-ħsieb li kollettivament jiġġieldu għall-pretensjonijiet tagħhom dwar iċ-ċessjoni tal-ishma tagħhom fil-Bank;

[49] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 788 – 9 tal-proċess
[50] Nota ta' Sottomissjonijiet, f'paġġ. 757 – 9 tal-proċess

"Illi l-istħarriġ ta' dan l-ilment f'din il-kawża jieħu xejra partikolari minħabba l-fatt li r-rikorrenti (jew l-awturi tagħhom) kienu baqgħu jżommu l-ishma li kellhom fil-Bank ukoll wara li daħal fis-seħħ l-Att XLV. Għall-kuntrarju ta' dawk minn fost l-azzjonisti tal-Bank li kienu ċedew l-ishma tagħhom favur il-Gvern, ir-rikorrenti kienu baqgħu azzjonisti wkoll meta t-tmexxija tal-Bank kienet għaddiet f'idejn il-Kunsill intimat. Ladarba l-Bank bħala entita' ġuridika b'personalita' separata (f'dan il-każ fis-sura ta' kumpannija kummerċjali) ma kienx xolt, l-interessi tal-azzjonisti kollha baqgħu fis-seħħ, fosthom mhux l-anqas dawk tar-rikorrenti;

"Illi l-jedd tal-assoċjazzjoni jimxi fuq il-presuppost tal-jedd li wieħed jinġema' ma' ħaddieħor ("*freedom of assembly*"). Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet li tressqu quddiem il-Qrati tagħna, l-invokazzjoni tal-ksur tal-jedd taħt dan l-artikolu saret jew fejn persuni ma tħallewx jinġemgħu biex jimmanifestaw[51], jew inkella fil-qasam ta' ħidma sindakali[52], jew saħansitra fejn jidħlu jeddijiet ta' ħaddiema fuq il-post tax-xogħol tagħhom u t-teħid ta' azzjonijiet industrijali b'ħarsien tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom[53]. Imma l-Qorti tifhem li dan ma jfissirx li l-jedd għall-assoċjazzjoni ħielsa jgħodd biss għal min irid jgħaqqad jew jingħaqad fi *trade union*, f'partit jew moviment politiku jew min irid joqgħod jipprotesta paċifikament jew jimxi ma' oħrajn fit-toroq u l-imsieraħ. Fuq dan l-aspett ma tistax taqbel mat-tifsira restrittiva li jridu jagħtu l-intimati dwar l-applikabilita' tal-imsemmi jedd;

"Illi l-awturi jgħallmu li "*An autonomous meaning is to be assigned to the word 'association'. The legal form chosen and the legal consequences attached thereto by national law cannot be decisive here, since otherwise the guarantee of Article 11 might be rendered illusory by the national legislature. ... The most important aspect of the right of the right to freedom of association is that citizens should be able to create a legal entity in order to act collectively in a field of mutual interests. Without this, the right would have no meaning. An association is a legal entity, intended to operate as such in a specific area. The right to freedom of association implies the right to form one and it includes the right not to be forced to be a member of an association*"[54];

"Illi madankollu, mhux kull xirka jew għaqda ssir 'assoċjazzjoni' għall-finijiet tal-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 11 tal-Konvenzjoni. B'hekk "*the mere*

[51] Ara b'eżempju, Kost. **23.4.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Ġanni Camilleri et*** (Deċiżjonijiet Kostituzzjonali 1964 – 1978 (Għ.S.L. 1979) Vol I paġġ. 4 *et seq*

[52] Kost. **31.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Malta Union of Teachers et vs Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.473**)

[53] Kost. **30.11.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Walter Cuschieri et vs Onor. Prim Ministru*** ((Deċiżjonijiet Kostituzzjonali 1964 – 1978 (Għ.S.L. 1979) Vol II paġġ. 570 *et seq*

[54] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit*, § 15.4, f'paġġ. 824 – 5

*existence of separate legal status for an institution beyond that of its individual members will not necessarily implicate Article 11(1)"*[55]. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, jista' jkun hemm dubju kemm ir-rikorrenti bħala azzjonisti jistgħu jitqiesu bħala 'assoċjazzjoni' għall-finijiet tal-jedd imħares taħt l-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni. Kemm hu hekk huwa miżmum li "*While the mere fact of incorporation under a general law mainly directed at facilitating economic enterprises is not enough to make the resulting corporate body an association, use of the corporate structure by associations whose principal purposes are the furtherance of the non-economic interests of their members will not make them outside Article 11*"[56]. Jidher li hemm il-fehma mill-awturi li fejn jidħol il-kriterju tal-qligħ, l-Artikolu 11 ma jgħoddx[57]. Għall-kuntrarju, l-għan ewlieni ta' kumpannija kummerċjali huwa dak li tagħmel qligħ. Ladarba l-każ tar-rikorrenti dwar dan l-ilment jirreferi għall-qagħda tagħhom bħala azzjonisti tal-Bank (jiġifieri ta' kumpannija kummerċjali) joħroġ id-dubju msemmi qabel dwar jekk jibdewx jgħoddu l-kriterji tal-jedd ta' assoċjazzjoni minnhom invokat;

"Illi l-Qorti tagħraf li wħud mid-dispożizzjonijiet tal-Att XLV tassew li innewtralizżaw kull setgħa, jedd jew fakulta' li r-rikorrenti (jew l-awturi tagħhom) kienu jgawdu qabel ma seħħew il-ġrajja mqallba li għadda minnhom il-Bank fl-aħħar jiem tal-1973. Issib ukoll li, għall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, l-imsemmi Att jista' kieku jitqies bħala indħil fil-jedd tal-assoċjazzjoni kieku dan jgħodd għal azzjonisti ta' kumpannija kummerċjali, għaliex huwa miżmum li l-ħarsien tal-jedd tal-assoċjazzjoni jgħodd mhux biss fil-ħin tat-talba għall-għarfien tal-formazzjoni tal-assoċjazzjoni li tkun, imma tkompli għal kull waqt tal-eżistenza tagħha, sakemm tkun assoċjazzjoni li taqa' taħt il-ħarsien tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni;

"Illi, madankollu, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, l-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li biċ-ċirkostanzi tar-rikorrenti bħala azzjonisti tal-Bank jonqos element ewlieni biex ikun mistħarreġ l-ilment tagħhom dwar il-ksur ta' dan il-jedd, kemm kif mifhum u mfisser taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni;

"Illi għalhekk il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti ma seħħilhomx juru b'mod tajjeb biżżejjed li huma ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom ta' assoċjazzjoni, u għaldaqstant l-ewwel parti tat-talba tagħhom safejn tirreferi għall-ksur allegat

---

[55] Harris, O'Boyle & Warbrick *Law of the European Convention on Human Rights* (1995), paġ. 421
[56] *Op. cit.* paġ. 422
[57] Cohen-Jonathan *La Convention Europeenne des Droits de l'Homme* (1989) paġ. 515 jgħid li l-kelma "*association*" fil-Konvenzjoni tgħodd biss għal "*non-profit-making bodies*"

taħt l-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 11 tal-Konvenzjoni mhijiex sejra tintlaqa';"

**L-Appell tal-Inimati**

**8.** Dan hu bbazat fuq tliet aggravji: [1] li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta sabet li ma kienux applikabbli d-dispozizzjonijiet tas-sub inciz 2 tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni; [2] li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-azzjonijiet kellhom valur, anke jekk ma kellhomx valur kummerjcali, hija assunzjoni ta' dik il-Qorti minghajr sostenn fil-provi, u wkoll li 'valur' b'referenza ghall-ishma jista' jkun biss valur kummercjali; [3] li l-ewwel Qorti ma kellhiex issib ksur tal-jedd dwar il-harsien mit-tehid tal-gid tal-azzjonisti minghajr kumpens xieraq skont l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

*Konsiderazzjonijiet Fattwali tal-Qorti*

**9.** Fl-ewwel lok din il-Qorti ser tissenjala l-fatti li johorgu mill-provi u li huma relevanti ghat-tliet aggravji.

**10.** F'Novembru 1973, ftit taz-zmien wara l-falliment tal-BICAL, beda jsir gbid sostanzjali ta' flus kemm mill-National Bank of Malta u minn Tagliaferro Bank [NBM] li sa dak iz-zmien kellhom *liquidity ratio* ta' circa 30% u allura 'l

fuq mil-livell stabbilit mil-ligi. Gara li, minkejja li l-Bank kien halla d-depozitanti jigbdu flushom, kemm minn kontijiet kurrenti kif ukoll minn dawk fissi, il-gbid tal-flus tkompla, sal-punt li l-Bank kien qed jesperjenza problema ta' likwidita` li tant aggravat, li l-Bank ma setax ikompli jopera u kien fix-xifer ta' falliment.

**11.** Id-dirigenti tal-Bank talbu inutilment l-intervent tal-Bank Centrali bhala *lender of last resort* sabiex jghin il-Bank. Min-naha l-ohra l-gvern tal-gurnata hass li kellu jintervjeni sabiex isalva l-flus tad-depozitanti, fosthom dawk tal-korpi parastatali, li kellhom depoziti sostanzjali fil-Bank, u l-impiegi tal-haddiema. Inoltre ma kienx fl-interess tal-ekonomija generali tal-pajjiz li l-Bank ifalli. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-gvern rabat l-ghajnuna tieghu mal-kundizzjoni li l-maggor parti tal-azzjonisti jitrasferrixxu lilu l-ishma taghhom minghajr flus u biex il-Bank jitmexxa minn kunsill ta' amministrazzjoni sakemm tistabbilizza ruhha s-sitwazzjoni.

**12.** Fil-fatt hekk sar u b'sehh mit-12 ta' Dicembru 1973 il-licenzja tal-Bank kienet giet irtirata u, mill-ghada kien beda jmexxi l-Kunsill tal-Amministrazzjoni, sakemm eventwalment fit-22 ta' Marzu 1974 dan ghadda l-azzjonijiet lil bank gdid, il-Bank of Valletta li beda jaghmel profitt mill-bidu nett tal-operat tieghu u baqa' jirregistra profitt.

*L-ewwel aggravju*

**13.** Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti kellha ssib li l-Artikolu 37[2] fuq citat kien applikabbli ghal kaz odjern. Il-Ligijiet XLV/1973 u IX/1974, sa fejn ghadhom in vigore, huma intizi sabiex jirregolaw l-amministrazzjoni tal-assi ta' banek li kellhom fihom depoziti kbar tal-pubbliku li dak iz-zmien kienu insolventi jew falluti u ghalhekk dawn il-ligijiet kienu gustifikati fit-termini tas-sub-inciz fuq citat. Ukoll parti sostanzjali tad-depoziti kienu gejjin mill-azzjonisti li kellhom ukoll facilitajiet ohra li kienu qed jottjenu mill-Bank, fosthom *overdrafts*.

**14.** L-intimati jaghmlu referenza specifika ghall-paragrafu [g] tas-sub-inciz 2 tal-imsemmi artikolu, u jilmentaw li skont huma l-ewwel Qorti skartat kompletament il-fatt li l-ligi li fuqha giet imsejsa l-lanjanza tar-rikorrenti saret precizament sabiex tipprotegi b'mod specifiku d-depoziti fil-banek, li parti sostanzjali minnhom kienu tal-azzjonisti stess, u b'mod aktar generali l-ekonomija u l-istabbilita` tal-pajjiz, u li kieku l-gvern ma hax il-Bank f'idejh, l-azzjonisti mhux talli ma kienux jiehdu d-*dividends* izda talli kienu jitilfu wkoll id-depoziti kollha taghhom. Ghalhekk bl-Att XLV/1973 li sar biex il-Gvern jipprotegi l-Bank, ibbenefikaw ukoll l-istess azzjonisti.

**15.** L-intimati jsostnu li l-Atti fuq indikati jaqghu fi hdan il-paragrafu [g] tas-sub-inciz 2 tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, "peress li l-istess ligijiet iddahhlu

sabiex jipprotegu l-interessi tal-Bank u fl-ahhar mill-ahhar l-interessi tad-depozitanti u anke tal-azzjonisti li kienu sabu ruhhom b'azzjonijiet minghajr valur kummercjali b'riskju li jitilfu d-depoziti li kellhom fil-Bank u l-facilitajiet l-ohra fil-Bank li kienu qed jibbenefikaw minnhom.

**16.** Min-naha taghhom ir-rikorrenti jirribattu ghal dan l-aggravju billi jsostnu li dan hu bazat fuq premessi zbaljati, kif ukoll fuq interpretazzjoni skorretta tal-paragrafu [g] fuq indikat.

**17.** Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jichdu li parti kbira mid-depozitanti kienu l-istess azzjonisti, u jghidu li din hi asserzjoni gratuwita u ma ssibx sostenn fil-provi; fit-tieni lok, jichdu li t-tehid tal-Bank bla kumpens kienet mizura necessarja u proporzjonata; u fit-tielet lok, isostnu li l-perikolu li jintilfu d-depoziti kien inholoq mill-gvern stess, u mhux kif sostnut mill-intimati.

**18.** Rigward l-interpretazzjoni tal-Artikolu 37[2][g] ir-rikorrenti jsostnu li t-tehid kontemplat f'din id-dispozizzjoni ta' ligi, hu intiz ghall-protezzjoni tal-interessi tal-persuni jew socjetajiet hemm indikati, u mhux sabiex tittiehed proprjeta` minghajr kumpens xieraq. Inoltre, fejn bhal fil-kaz ta' ghaqdiet korporali jew mhux korporali fil-kors ta' stralc jew likwidazzjoni, ghalkemm hemm cirkostanzi fejn sid jista' legittimament igarrab telf, dak it-telf ghandu

jkun biss safejn huwa necessarju u proporzjonat biex jitharsu wkoll l-interessi legittimi ta' terzi.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

**19.** In tema legali jinghad li l-Qorti Ewropeja identifikat is-segwenti principji legali li jghoddu ghal kaz odjern:

> *"Not only must an intereference with the rights of property pursue on the facts as well as in principle a legitimate aim in the general interest, but there must also be a reasonable relation of proportionality between the means employed and the aim sought to be realized by any measures applied by the State.... The requirement is expressed by the notion of 'fair balance' that must be struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's rights. The concern to achieve this balance is reflected in the structure of Article 1 of Protocoll as a whole. In each case involving an alleged violation of that Article the court must therefore ascertain whether by reason of the State's interference the person concerned had to bear a <u>disproportionate and excessive burden</u>" [**Hutten Czapyuska v Poland** – para.166 – 19 Gunju 2006][ ara ukoll **Mellacher v Austria**, 19 Dicembru 1989, **Lithgrow and others vs United Kingdom**8 Lulju 1986;]*

**20.** Fl-ewwel lok jigi osservat li l-gvern kien tal-fehma li ma kellux jirriskja fondi pubblici biex isalva l-bank privat jekk mhux taht kundizzjonijiet li hu hass li kienu xierqa fic-cirkostanzi, liema kundizzjonijiet kienu fil-limiti tal-poter tieghu li jezigi skont il-ligi. F'dan is-sens il-mizura li ha l-gvern kienet wahda legittima. Kienet mizura kawtelattiva legittima mehuda fid-dawl tal-fatt li l-Bank kien fix-xifer tal-falliment kawzat mir-*run* li hakkmitu.

**21.** Izda l-kundizzjoni tac-cessjoni tal-ishma b'xejn kienet mizura li tefghet piz eccessiv u sproporzjonat fuq l-azzjonisti li, sabiex jigi salvat il-Bank, spiccaw ma hadu ebda korrispettiv ghat-trasferiment tal-ishma taghhom, b'hekk gew privati mill-proprjeta` taghhom minghajr ebda kumpens. Jirrizulta car li din il-mizura ma kinitx tipprovdi sabiex b'xi mod tikkawtela wkoll l-interessi tal-azzjonisti. B'din il-kundizzjoni u l-eventwali trasferiment tal-assi tal-Bank lill-Bank of Valletta l-gvern injora ghal kollox id-drittijiet li l-azzjonisti kellhom fil-Bank *de quo* u li kif korrettament qalet l-ewwel Qorti kienu jidhlu fit-termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

**22.** Dan jassumi aktar qawwa fid-dawl tal-konsiderazzjoni li hemm diversi xhieda,[58] li jghidu li sa Novembru 1973 l-NBM kien fis-sod u li l-problema ta' likwidita` kienet wahda temporanja u li jidher li setghet tigi solvuta bl-assistenza ta' banek ohra, anke dawk esteri kif tidher li hi l-prattika bankarja f'kazijiet fejn bank partikolari jkollu problema temporanja ta' likwidita`.

**23.** Fl-affidavit tieghu x-xhud Anthony Miceli Farrugia, Direttur fl-NBM spjega li kien hemm diversi soluzzjonijiet li seta' ha l-gvern biex isolvi l-problema. Hu jsemmi li l-gvern: seta' awtorizza l-Bank Centrali jghin lil NBM, anke seta' jissottoponi l-Bank taht amministrazzjoni kontrollata mill-Bank

[58] Antoine Tagliferro, Adrian Busietta, u wkoll Henry Micallef

Centrali; seta' wkoll innomina Diretturi tieghu fil-NBM biex jikkontrolla l-amministrazzjoni tal-Bank; jew seta' l-gvern stess jidhol azzjonista` fil-Bank u jzid il-kapital bizzejjed biex jiffaccja l-emergenza.

**24.** Izda l-gvern ghazel il-mezz estrem li jitlob lill-azzjonisti jcedu l-ishma taghhom minghajr kumpens, bhallikieku l-assi tal-bank *[l-underlying net assets]* ma kellhom ebda valur.

**25.** Il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu li l-interess pubbliku ghandu jigi kawtelat, min-naha l-ohra l-interessi privati ma setghux jigu injorati kif gara fil-kaz odjern. Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, *"graw kif graw l-affarijiet u kienx hemm jew ma kienx hemm soluzzjonijiet ohra …. In-nuqqas shih ta' ghoti ta' kumpens lir-rikorrenti jew l-awturi taghhom hu cirkostanza li tixhed l-imsemmi nuqqas ta' proporzjonalita'"* Wara kollox, kif ukoll osservat l-ewwel Qorti, *"Ma kienx mehtieg li l-kumpens ikun stabilit mat-trasferiment, ghaliex kien ikun bizzejjed li jinhalaq mekkanizmu jew kriterju ta' kumpens wara l-fatt u wara li l-qaghda tkun ikkalmat."*

**26.** Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha ragun tosserva li l-mizuri li ha l-gvern, li bihom iddiprivaw lill-azzjonisti mill-proprjeta` taghhom, kienu tali li xehtu fuq l-azzjonisti piz eccessiv u sproporzjonat. Ghaldaqstant, tenut kont li t-tehid tal-

Bank min-naha tal-gvern ma sarx fl-interess ukoll tal-azzjonisti, anzi dawn gew zvestiti kompletament mill-proprjeta` taghhom, il-paragrafu [g] tas-sub-inciz [2] tal-Artikolu 37 mhuwiex applikabbli ghas-sitwazzjoni fattwali kif tirrizulta mill-provi, u ghalhekk dan l-aggravju qed jitqies infondat.

*It-tieni aggravju*

**27.** Dan jirrigwarda l-valur kummercjali tal-ishma fiz-zmien li dawn gew trasferiti lill-gvern. Huma jilmentaw mill-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti li tghid li:

> "… ghalkemm huwa minnu li fiz-zmien li l-azzjonijiet ma kellhomx aktar valur negozjabbli minhabba l-qaghda ta' nuqqas ta' likwidita' tal-Bank mandankollu hija haga daqstant iehor certa li l-gid li kien hemm fil-Bank kien gid sostanzjali … li kien jisboq l-ammont tal-passiv u d-djun li seta' kien hemm. Kien gid li kien jiswa [kemm bhala valur intrinsiku u kif ukoll bhala utilita'] u sewa tassew ukoll fit-tmexxija tal-impriza l-gdida li ssoktat il-hidma tal-Bank. Kien gid li hareg minn idejn l-azzjonisti u li tieghu ma nghataw l-ebda kumpens."

**28.** L-intimati jsostnu li l-ewwel Qorti ma setghetx tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha u cioe` li l-Bank kellu assi bizzejjed biex l-attiv jizboq l-ammont tal-passiv. F'dan ir-rigward, l-ewwel Qorti minflok ordnat li jsir ezercizzju biex issir valutazzjoni tal-Bank, fis-sens li jigi identifikat u kwantifikat l-attiv kif ukoll il-passiv tieghu fil-perjodu mertu tal-azzjoni odjerna, strahet fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet. Tant dan hu minnu, li l-ewwel Qorti ghalkemm

sabet lezjoni ddifferiet il-kwistjoni tar-rimedju proprju ghax ma kellhiex provi li setghet tistrieh fuqhom fir-rigward.

**29.** L-intimati jaghmlu referenza ghall-kontenut ta' ittra datata 12 ta' Lulju 1974 annessa mal-affidavit ta' Lino Spiteri fejn dan ghamel is-segwenti kummenti rigward il-pozizzjoni finanzjarja tal-Bank, ghall-pretenzjonijiet li kienet ghamlet in-National Bank of Malta Shareholders Association.

> *"…The goodwill of a bank consists of the public trust it enjoys, which trust is reflected in the attraction of deposits from the public. The run which the National Group experienced in December 1973 demonstrated an almost complete loss of trust by dthe depositing public at that point in time. Had measures not been taken intended to halt the run the bank would have had to suspend payment due to lack of liqudity and consequently cease to carry on the business of banking. Under such conditions there would have been a strong probability that the Group's licence would have been revoked or suspended. Clearly to speak of goodwill with the context of the events of December 1973 is unrealistic."*

**30.** L-intimati jilmentaw li l-ewwel Qorti, mhux biss ghamlet asserzjoni gratuwita dwar il-valur tal-Bank, izda skartat il-fatt li l-Gvern kien investa sitt miljun Lira Maltin [Lm6,000,000] sabiex il-Bank of Valleta seta' jkun vijabbli. Il-fatt fih innifsu li dan il-bank ghamel qliegh mill-bidu nett kien dovut ghall-fatt li l-pubbliku in generali kellu fiducja f'dak il-bank. Ghalhekk il-fatt li dan il-bank il-gdid beda jaghmel qliegh mill-ewwel ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti, u cioe` li NBM kien finanzjarjament

vijabbli.  Inoltre, l-ewwel Qorti skartat l-*accounts* ta’ dan il-bank li kienu saru fiz-zmien relevanti mid-ditta tal-awdituri Deloitte, liema *accounts* qatt ma gew impunjati.

**31.** Min-naha taghhom ir-rikorrenti laqghu ghal dan l-aggravju bl-osservazzjonijiet segwenti.

**32.** Il-fatt li f’certu waqt il-valur tal-bank ma setax jigi rejalizzat ma jfissirx li l-bank ma kellu ebda valur.  F’dan il-kaz il-valur ma setax jigi temporanjament rejalizzat minhabba cirkostanzi li holoqhom il-Gvern stess. Kien il-gvern li bl-atteggjament tieghu holoq diffikultajiet artificjali u ggenera paniku bl-iskop li jiehu l-bank f’idejh.

**33.** Inoltre, il-mizura li ttiehdet mill-Gvern sabiex tissolva l-problema ta’ likwidita` temporanja li kien ghaddej minnha l-Bank, ma kinitx proporzjonata u mehtiega.  Mill-provi jirrizulta li d-diretturi tal-Bank ma thallewx ifittxu l-ghajnuna minn banek ohra, bhal Barclays Bank.  Il-fatt li d-diffikultajiet kienu biss temporanji u li fil-fatt il-Bank kellu attiv bizzejjed biex ikun vijabbli jixhduh ir-rizultati tajbin li mill-ewwel kiseb il-Bank of Valletta li wara biss ftit xhur l-istess negozju li kellu l-Bank [NBM] thaddem bi qliegh.

**34.** Ir-rikorrenti jissottomettu li d-determinazzjoni tal-valur tal-Bank u l-pozizzjoni finanzjarja tieghu f'dak iz-zmien huwa wiehed ta' fatt li gie determinat mill-apprezzament ta' provi maghmula mill-ewwel Qorti, u ghalhekk din il-Qorti, bhala qorti ta' revizjoni, m'ghandhiex tiddisturba dan l-apprezzament leggerment. Fir-rigward ir-rikorrenti jaghmlu referenza ghal *"provi teknici u dettaljati bhalma huma fost ohrajn l-affidavit tal-komputista Edward Camilleri*[59] *fejn dan fisser fid-dettal il-pozizzjoni finanzjarja vera tal-bank u l-istratagemmi mahsuba biex iwaqqghu artificjalment il-valur tal-assi."*

**35.** Rigward ir-rapport tal-awdituri Deloitte, ir-rikorrenti jghidu li, apparti mill-fatt li dan ir-rapport kien sar meta kollox kien *fatto compiuto*, il-kontenut ta' dan ir-rapport m'ghandux jitqies bhala l-unika prova lil hemm fir-rigward. Jirrepetu li tant kien vijabbli l-Bank bl-immobbli li kellu u li kellhom valur intrinsiku, li wara biss ftit xhur minn meta l-Bank of Valletta beda jiggestixxi n-negozju tal-NBM dan irregistra qliegh. Ir-rikorrenti jkomplu jargumentaw li huwa inverosimili li negozju li jibda mix-xejn, anzi b'anqas minn xejn, kif qed jippretendu l-intimati, jiggenera qliegh mill-ewwel.

**36.** Ir-rikorrenti jirrilevaw li, l-oneru tal-prova li l-ishma ma kellhom ebda valur meta ttiehdu mill-gvern tirrisjedi fuq l-intimati li qed jallegaw dan il-fatt. Dik il-prova ma saritx, anzi saret prova tal-kuntrarju.

[59] Prezentat fis-7 ta' Lulju 2003 fl-atti tar-rikors kostituzzjonali numru 390/1992

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

**37.** Fis-sustanza dan l-aggravju huwa dirett lejn l-apprezzament ta' fatt li ghamlet l-ewwel Qorti dwar il-valur tal-Bank fiz-zmien meta ttiehed mill-gvern biex wara tliet xhur jinghata lil bank gdid li fih il-gvern huwa azzjonista` maggoritarju.

**38.** Hu assodat fil-gurisprudenza patria li l-Qorti tal-Appell bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax leggerment id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-prim'istanza, hlief meta tkun manifestament zbaljata jew ghax ikun hemm ragunijiet serji, jew li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha [App.C. **Emanuel Cardona et v. Dr. Graham Busuttil**, deciz 10 Jannar 1955]. Dan ma jsirx *"sakemm l-appellant – ghax fuqu trid tinkombi l-prova – ma jissodisfahiex li kien hemm ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubju ragjonevoli fuq il-gustizzja tal- apprezzament ta' provi li ghamlet l-ewwel qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa ngustizzja manifesta"* [App.S. **Paul Formosa v. Salvu Deboni**, deciz 5 Ottubru 2001].

**39.** Fil-meritu huma relevanti s-segwenti osservazzjonijiet:

**40.** Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li mill-provi ma gietx identifikata r-raguni ghar-*run* li beda jesperjenza l-NBM fl-ahhar tas-sena 1973, u wisq anqas irrizulta sodisfacentement provat li s-sitwazzjoni kienet aggravat bil-mod kif il-gvern tal-gurnata rrejagixxa ghall-problema li kien qed jesperjenza l-Bank. Kif fuq ga` indikat, il-gvern agixxa primarjament fl-interess tad-depozitanti, tal-impjegati u tal-ekonomija tal-pajjiz in generali u l-mizuri li kienu tali li hu seta' jiehu bhala gvern. Fic-cirkostanzi hija gusta u valida l-affermazzjoni li l-intervent tal-gvern kien wassal sabiex il-flus tad-depozitanti, li jerga' jinghad fosthom il-korpi-parastatali li kellhom depoziti li jlahhqu mal-erba' miljun Lira Maltin (Lm4,000,000), u l-impiegi jigu salvati. Dan kellu ezitu pozittiv, tant li l-bank il-gdid, li fih issa l-gvern hu azzjonista` maggoritarju, beda jgawdi mill-fiducja tal-pubbliku kwazi mill-bidu nett, tant li beda jaghmel il-qliegh mal-ewwel.

**41.** Fit-tieni lok, kif diga` fuq rilevat minn din il-Qorti, jezistu fl-atti elementi ta' provi bizzejjed li fuqhom l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li l-NBM kellu valur. Dan gie affermat u spjegat minn Antoine Tagliaferro, Assistant Manager fil-NBM u eventwalment membru tal-Kunsill ta' Amministrazzjoni u li ghalhekk dan ix-xhud kien involut sew fil-gestjoni finanzjarja tal-Bank. Huwa spjega li ghas-sena 1973 kien hemm progettat profit ta' bejn seba' u tmien miljun Lira Maltin, u li l-*liqudity ratio* kienet 'il fuq

mill-livell rikjest mil-ligi. Jghid li bhala kontijiet kien hemm depoziti ta' izjed minn disgha u tletin miljun Lira Maltin (Lm39,000,000), il-kapital kien ta' miljun, mija u ghaxart elef Lira Maltin (Lm1,110,000), filwaqt li r-rizervi kienu ta' miljun, seba' mija u tmintax-il elf Lira Maltin (Lm1,718,000); jghid li l-*cash-balances* sa 31 Dicembru 1972 kienu ta' zewg miljun, seba' mija tmienja u sebghin elf Lira Maltin (Lm2,778,000) u l-investimenti kienu ta' disa' miljun Lira Maltin (Lm9,000,000).

**42.** Ukoll l-Prokuratur Legali Henry Micallef, General Manager tal-istess Bank, spjega li sa kemm bdiet ir-*run* fuq il-bank, ix-xoghol tal-bank kien wiehed normali u l-likwidita` kienet tajba. Xhud iehor, l-Avukat Philip Attard Montaldo, Direttur iehor tal-NBM, jghid li l-Bank kellu likwidita` ta' 30%. Id-Direttur Adrian Busietta spjega li l-NBM kellu valur qawwi u genwin u kien progettat profit sostanzjali ghas-sena 1973. Jghid li f'dik is-sena kien hemm erba' miljun Lira Maltin (Lm4,000,000) fil-*vaults* u assi ta' erbghin miljun Lira Maltin (Lm40,000,000). Dan jghid li l-krizi kienet wahda artificjali mahluqa mill-gvern li ma hallihomx jitolbu l-ghajnuna, anke minn banek esteri, sabiex isolvu l-problema temporanja ta' likwidita`. Jghid li l-fatt li l-Bank of Valletta beda jaghmel profitt mill-ewwel huwa xhieda tal-fatt li l-*assets* tal-NBM kienu b'sahhithom.

**43.** Dwar ir-rapport li sar mis-socjeta` Deloitte l-imsemmi Antoine Tagliaferro spjega li dawn kienu waqqghu l-valur tal-proprjeta` li kienet

tiggarantixxi l-*loans* li kellu NBM, u kien ghalhekk li rrizulta deficit fil-*capital account* tal-Bank.

**44.** Tezisti wkoll bhala element ta' prova r-rapport *ex parte* maghmul mill-komputista Edward Camilleri li fir-rapport tieghu jghid:

> *"… it is evident that, in assessing the value at which to transfer the Bank's business, as a going concern, to the Bank of Valletta Limited, the Council of Administration chose not to follow established accounting procedures. This inevitably resulted in an abnormal conclusion being reached concerning the value of the Bank.*
>
> *"Had established accounting methodologies been adopted, I am of the opinion that the bank and the shares in the National Bank of Malta Limited, which owned the bank, would have found to have had a value at 23rd March 1974, which value was not reflected in the transaction when the Bank's assets and liabilities were transferred to Bank of Valletta Limited."*[60]

**45.** Ghalhekk, minkejja l-istampa negattiva li juri r-rapport mahrug minn Deloitte wara li kien ittiehed il-Bank, hemm provi ta' xhieda ta' nies intizi kemm fis-settur bankarji, kif ukoll nies direttament involuti fit-tmexxija finanzjarja tal-Bank, li setghu ragjonevolment wasslu lill-ewwel Qorti ghall-konkluzjoni taghha, u cioe` li, minkejja l-problema temporanja ta' likwidita` li kien qed jiffaccja l-Bank f'dak iz-zmien, kien hemm gid li hareg minn idejn l-azzjonisti u li tieghu dawn ma nghataw l-ebda kumpens u li intuza b'mod vantaggjuz kemm mill-Kunsill ta' Amministrazzjoni, kif ukoll eventwalment mill-Bank of Valletta.

[60] Kawza 390/92 – Vol.3 fol.761

**46.** Fl-ahhar nett il-Qorti tosserva li anke jekk jittiehed li hu minnu li l-gvern kien fil-fatt hareg kapital sostanzjali sabiex ikompli jqieghed fis-sod il-finanzi tal-bank li gie maghluq minnu, dan il-fatt ma jimmilitax kontra l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti, li l-NBM qabel ma nghalaq kellu gid li ttiehed b'xejn sabiex jinghata lil bank iehor gdid li fih il-gvern huwa azzjonista` maggoratarju. Dwar kemm kien fil-fatt jammonta dan il-gid ghad irid jigi determinat mill-ewwel Qorti, bl-ghajnuna ta' esperti teknici fir-rigward.

**47.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tielet aggravju*

**48.** Dan hu bbazat fuq l-applikazzjoni ghal-kaz tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. L-intimati jilmentaw li l-ewwel Qorti skartat kompletament il-fatt li tliet kwarti mill-azzjonisti kienu ddecidew li jittrasferixxu b'mod volontarju l-azzjonijiet taghhom fil-NBM minghajr kumpens, u dan peress li l-Bank kien fi stat ta' kollass u peress li l-azzjonijiet fil-Bank ma kienu jiswew xejn. Illi meta gew akkwistati l-ishma, il-ligi vigenti kienet tippermetti li zewg terzi tal-azzjonisti jistghu jxolju l-kumpanija. Ghalhekk ma kienx kaz fejn il-Gvern ha proprjeta` forzozament, izda kien il-kaz fejn l-istess azzjonisti ttrasferew l-ishma taghhom li bih gie trasferit il-bank, anke jekk parti minoritarja fil-Bank

kienet qed tirrezzisti t-trasferiment. Kien il-Bord tad-Diretturi tal-Bank li kien iddecieda li jitrasferixxi l-Bank lill-Gvern. Fir-rigward l-intimati jiccitaw Note of Record[61] li taqra hekk:

> *"The National representatives [cioe' ir-rapprezentanti tan-National Bank of Malta], while maintaining that their organisation was a profitable one and that the current crisis was basically one of liqudidity indicated that they felt that in the circumstances the Government should take over National. The Prime Minister said that he could not commit public money given that the Central Bank could not assure him that the National was viable. The Governor said a distinction has to be manintained between the liquidity and viability. In the circumstances given the extent of the run on National, the bank was losisng its liquidity. Whether it was viable, in the sense that realisable assets exceeded liabilities, could only be determined through a proprer valuation. The only way out seemed to be a Government take over."*

**49.** L-intimati jsostnu li, ghalkemm l-ewwel Qorti tenniet ghal diversi drabi li l-fatt li l-ishma kienu minghajr valur ma jfissirx li l-Bank ma kellux proprjeta` ohra ta' valur, izda ghandu jirrizulta pacifiku li l-valutazzjoni tal-assi bhalma huma ishma f'bank ma tistax issir hlief b'referenza ghall-mument u cirkostanzi partikolari u hija wkoll materja teknika komplikata soggetta ghal diversi interpretazzjonijiet.

**50.** Fil-kaz in dizamina, kemm il-Gvern kif ukoll il-maggoranza kbira tal-azzjonisti qabblu li l-azzjonijiet kienu minghajr valur mhux ghax il-kontijiet tal-Bank kienu juru li kien fallut izda peress li l-Bank ma kienx fi stat li jhallas lill-

[61] Datata 10 ta' Dicembru 1983 u annessa mal-affidavit ta' Lino Spiteri

kredituri tieghu u minhabba d-domanda straordinarja u abnormali ta' gbid ta' depoziti [*run*], huwa car li l-Bank f'dawn ic-cirkostanzi ta' paniku u ta' telf ta' fiducja qatt ma seta' jopera regolarment u kien hu stess li talab l-intervent tal-Gvern. F'dan ix-xenarju anke bank sod u b'bilanc favorevoli hafna certament li qatt ma jkun jiflah il-pressjoni mahluqa mid-domanda ghall-hlas in kontanti ta' kwantita` kbira ta' depozitanti bil-konsegwenza li jkollu jaghlaq.

**51.** Huma jsostnu li *"hija ghal kollox irrilevanti x'kienet il-pozizzjoni finanzjarja tal-Bank meta sar it-trasferiment tal-azzjonijiet u hija wisq anqas rilevanti l-pozizzjoni finanzjarja tal-bank li eventwalment issucceda l-National Bank, u dan peress li biss biss in-National bank kien tilef l-avvjament tieghu"* peress li d-depozitanti ma kien ghad fadlilhom l-ebda fiducja fil-Bank tant li bdew jigbdu flushom mill-Bank. Kien biss bl-intervent tal-legislatur u intervent finanzjarju qawwi tal-Gvern li l-Bank baqa' jiffunzjona meta l-Kunsill ta' Amministrazzjoni ha t-tmexxija f'idejh. Kif jirrizulta mill-*accounts* li saru mill-awdituri Deloitte & Co. immedjatament wara li l-Kunsill ha f'idejh it-tmexxija tal-Bank dan kellu izjed djun milli kellu assi u li ghalhekk kien fi stat ta' insolvenza. Dawn huma l-unici *accounts* li saru u li juru l-qaghda finanzjarja tal-Bank fiz-zmien relevanti. Dawn l-*accounts* juru li l-Bank kellu hafna izjed djun minn assi [inkluz proprjeta` immobbli], kellu djun fenominali li kien jizboq bil-kbir l-assi tal-istess Bank, u dan irrispettivament min-nuqqas ta' likwidita` li sehhet minhabba *r-run* li kien ghaddej minnha l-Bank.

**52.** Ghalhekk l-intimati mhux qed jaqblu mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti li l-Bank, jew l-ishma tal-Bank, kellhom valur u li ghalhekk kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 37.

**53.** Min-naha taghhom ir-rikorrenti jirribattu ghal dan l-aggravju bl-argument li l-fatt li tliet kwarti tal-azzjonisti ghazlu li jcedu l-ishma tal-Bank, ma jfissirx li dawn legalment setghu jiddisponu mill-assi bla hlas u b'detriment ghad-drittijiet tal-azzjonijiet minoritarji. Isostnu li anke min ghandu sehem wiehed ghandu drittijiet li jridu jitharsu; it-tqassim ta' hwejjeg haddiehor li tkun hadt kontra r-rieda tieghu u bla hlas ma huwiex att ta' amministrazzjoni.

**54.** Il-kwistjoni mhijiex dwar xi drittijiet u x'setghat ghandu fit-tmexxija ta' kumpanija minn bis-sewwa jew bid-dnewwa kiseb zewg terzi tal-azzjonijiet, imma l-kwistjoni hi jekk it-tehid tad-drittijiet tal-atturi [1] kienx fl-interess pubbliku, [2] jekk iva, allura kinitx mizura mehtiega u proporzjonata, jew setax l-istess ghan jintlahaq b'mezzi ohra anqas lezivi tad-drittijiet tal-atturi, u [3] jekk inghatax kumpens xieraq. L-oneru tal-prova tal-ezistenza kumulattiva ta' dawn il-fatturi tirrisjedi fuq l-intimati li jispetta lilhom li juru li t-tehid min-naha tal-Gvern kien wiehed legittimu.

**55.** Ir-rikorrenti jsostnu dwar l-element ta' interess pubbliku, li l-Gvern indahal biex jirrimedja ghal sitwazzjoni li kien holoq hu jew ghall-anqas aggravaha hu. Inoltre ma ngiebet ebda prova li l-mizura kienet wahda necessarja u proporzjonata u li ma kienx hemm mezzi ohra anqas drastici biex tingheleb il-krizi. Anzi l-provi juru l-kuntrarju u cioe` li kien il-Gvern li ma halliex lid-diretturi tal-Bank jiksbu ghajnuna li kien hemm min kien lest li jaghtiha, bhal Barclays Bank. Dwar il-kumpens jirrizulta manifest li dan ma nghatax.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

**56.** Dan l-aggravju huwa konness mal-ewwel zewg aggravji li fit-trattazzjoni taghhom din il-Qorti ddecidiet dwar l-applikabbilita` tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, u dwar il-fatt li, ghalkemm fil-mument tac-cessjoni l-ishma ma kellhom ebda valur, min-naha l-ohra l-Bank ma jistax jinghad li ma kellux gid. Fir-rigward din il-Qorti tirreferi ghall-konsiderazzjonijet gja` maghmula minnha, dwar il-mizura li ttiehdet mill-gvern tal-gurnata sabiex jigi salvat il-gid tal-Bank u l-valur tal-istess Bank, li l-ewwel Qorti tiddeskrivi bhala "gid sostanzjali'. Kif diga` fuq spjegat, din il-mizura li ttiehdet mill-gvern tal-gurnata kienet fl-interess tad-depozitanti, tal-impjegati, u fl-interess pubbliku, izda l-mizura ta' cessjoni bla hlas kienet poggiet fuq l-azzjonisti piz eccessiv u sproporzjonat u huwa f'dan ir-rigward li l-mizura mehuda mill-gvern, li kienet ta' detriment serju

ghall-azzjonisti, hija leziva tad-dritt fundamentali taghhom taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

**57.** Rigward il-punt dwar il-validita` tat-trasferimenti tal-ishma b'xejn, din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza moghtija llum fil-kawza **Peter Cassar Torreggjani et v. Onorevoli Dominic Mintoff,** u taddottahom *mutatis mutandis*. Ghalkemm jirrizulta li l-azzjonisti li ffirmaw ghat-trasferiment kienu taht pressjoni minhabba c-cirkostanzi li sab ruhu fiha l-Bank, izda ma jistax jinghad li l-kunsens taghhom kien vizzjat. Huma ffirmaw ghax ghazlu li hekk jaghmlu, filwaqt li whud minnhom, bhar-rikorrenti fil-kawza odjerna baqghu ma ffirmawx.

**58.** Stabbilit li t-trasferiment tal-ishma kien wiehed volontarju f'ghajnen il-ligi, ma jistax validament jinghad li l-passi li ttiehdu mill-Bord tad-Diretturi, li allura kellhu l-appogg ta' zewg terzi jew aktar mill-azzjonisti ma kienux jaqghu fil-limiti tal-poteri taghhom. Kien dan il-Bord finalment responsabbli ghat-tmexxija tal-NBM u f'dak iz-zmien dan hass li fic-cirkostanzi kien fl-interess tad-depozitanti u tal-impjegati kif ukoll biex jigi salvat l-gid li kellu l-istess Bank, li jghaddi l-gestjoni tal-Bank lil Kunsill ta' Amministrazzjoni mahluq appozitament sabiex jikkonserva l-assi tal-Bank. Dan pero` ma jnaqqas xejn

mid-dritt ta' dawn l-azzjonisti li jigu kumpensati ghal gid li ttiehdilhom minghajr kumpens.

Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

**L-Appell Incidentali**

**59.** Dan hu dirett lejn dik il-parti tas-sentenza li biha l-ewwel Qorti kkonkludiet li ma hemmx il-ksur allegat mir-rikorrenti tal-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni wara li osservat li d-dritt ta' assocjazzjoni ma jirriferix u ma hux intiz li jipprotegi assocjazzjoni bi skop kummercjali.

**60.** Ir-rikorrenti jsostnu li l-AttIX/1974 u l-Avviz Legali 27/1974 huma nulli inkwantu jichdu lir-rikorrenti mid-dritt ghal-liberta` ta' assocjazzjoni protett fl-artikolu precitat.

Huma jesprimu dan l-aggravju hekk:

> "… din hija l-interpretazzjoni [moghtija mill-ewwel Qorti] erronea u l-artikoli in kwistjoni [l-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni, u l-artikolu 11 tal-Konvenzjoni] huma ntizi biex jipprotegu kull forma ta' assocjazzjoni inkluza assocjazzjoni bi qliegh. Infatti fl-artikolu [42] fin innifsu ma hemm l-ebda restrizzjoni jew definizzjoni tal-kelma assocjazzjoni li biha wiehed jista' jiggustifika l-fehma li fejn l-assocjazzjoni ssir ghal skop ta' qligh allura l-artikolu in kwistjoni ma japplikax.."

> "Jekk wiehed janalizza sewwa dawn il-kliem [tal-artikolu 42] ghandu jara li r-referenza ghal ghaqdiet tal-haddiema hija wahda merament ezemplifikativa u mhux b' mod li teskludi kull forma ta' assocjazzjoni ohra, u dan il-punt huwa pacifiku sija fil-gurisprudenza kemm fl-awturi. L-artikolu bi skop ma jiddefinix assocjazzjoni u dan biex jipprotegi kull tip ta' assocjazzjoni li jista' jikkrea l-individwu; huwa evidenti li kull assocjazzjoni ser ikollha l-iskop taghha u dak l-iskop naturalment ikun intiz biex f' forma jew ohra jippromwovi l-interessi tal-meembru ta' dik l-assocjazzjoni. Assocjazzjoni tista' tkun politika, tista tkun tradeunjonistika, tista' tkun ghaqda ta' min ihaddem, tista' tkun bis skop ta' lukru u tista' tkun bi skop ta' kummerc. L-artikolu ma jiddefenixu ma jeskludi bl-ebda mod assocjazzjoni li l-iskop taghha huwa l-kummerc."

**61.** Ghalhekk isostnu li interpretazzjoni restrittiva tal-kelma "assocjazzjoni" u interpretazzjoni li teskludi assocjazzjoni maghmula ghall-kummerc ma ssibx gustifikazzjoni fil-ligi.

**62.** B'referenza ghall-fatti tal-kaz in dizamina r-rikorrenti jissottomettu li l-ligi operat biex teskludi lill-esponenti bhala membri ta' assocjazzjoni milli jistghu juzaw il-mezzi li taghtihom dik l-assocjazzjoni bhal laqghat u rapprezentanza guridika li kienet essenzjali u fundamentali biex huma jkunu jistghu validament jipprotegu l-interessi legittimi taghhom. Jghidu li:

> "Wara li ghaddiet il-ligi in kwistjoni l-azzjonisti li rritjenew u ma aljenawx l-ishma taghom gew imcahhda mill-possibilita' li jiltaqghu f' ambitu socjali, cioe' tal-kumpanija, biex ikunu jistghu, bhala socjeta' issa u mhux bhala individwi, jiehdu dik l-azzjoni legali li lilhom setghet dehritilhom opportuna biex jipprotegu l-interessi kummercjali, socjali u civili ta' proprjeta' taghhom."

**63.** Inoltre, kien jispetta lill-intimati li juru li l-interferenza kienet wahda legittima u permessa taht il-Kostituzzjoni, izda:

> "l-intimati bl-ebda mod ma wrew li tali interferenza kienet interferenza mehtiega u permessa ghall-iskopijiet intizi mill-artikolu innifsu. Il-vjolazzjoni tidher aktar lampanti meta wiehed iqis li l-iskop veru li ghalih l-esponenti kienu gew privati mid-dritt taghhom ta' assocjazzjoni kien sbiex il-ksur tad-dirtt fundamentali taghhom ghat-tgawdija tal-proprjeta' taghhom ikun jista' jinkiser impunement u minghajr ma huma jkollhom il-possibilita' ta' rimedju legali, jew li bhala assocjazzjoni jkunu jistlghu jirrikorru ghall-qrati ghall-protezzjoni tal-interessi taghhom."

**64.** L-intimati jirribattu ghal dan l-aggravju bis-sottomissjoni li mill-provi ma jirrizultax li r-rikorrenti kienu assogettati ghal xi tfixkil jew indhil da parti tal-Istat fil-formazzjoni ta' u fi shubija f'assocjazzjoni jew ghaqda; u l-fatt li r-rikorrenti kienu azzjonisti f'socjeta` kummercjali ma jfissirx li huma kienu jiffurmaw parti minn assocjazzjoni fis-sens tal-artikoli fuq citati.

**65.** L-intimati jsostnu li t-test ta' dawn l-artikoli mhuwiex daqshekk wiesgha li tkopri wkoll azzjonisti f'socjeta` kummercjali, u jezorbitaw mill-protezzjoni ta' dawn l-artikoli organizzazzjonijiet li l-oggettiv predominanti taghhom huwa dak li jsir profitt bhalma jezorbitaw il-korpijiet professjonali u dawk ta' natura amministrattiva. F'dan ir-rigward huma jiccitaw is-segwenti bran mill-ktieb '<u>Law of the European Convention on Human Rights'</u> [62] li jaqra hekk:

[62] Harris, O' Boyle & Warbick, tieni edizzjoni pg.526

> *"the mere existence of separate legal status for an institution beyond that of its individual members will not necessarily implicate Article 11 [1]. On several occasions, the Strasbourg authorities have decided that professional associations, established by law and requiring membership of all practising professionsals, are not "associations" within the meaning of Article 11[1]"*

**66.** Illi l-kaz odjern jinvolvi sitwazzjoni fejn azzjonisti b'responsabilita` limitata kellhom azzjonijiet f'socjeta` b'personalita` distinta u separata fejn kienu l-istess azzjonisti li ddecidew li jiffurmaw is-socjeta` kummercjali. F'dan ix-xenarju qatt ma kienet tezisti "assocjazzjoni" fil-kuntest tal-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

**67.** Fl-ewwel lok din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet ta' natura legali dwar id-dritt kontemplat fl-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni.

**68.** Illi kif sottomess mir-rikorrenti d-dritt ta' assocjazzjoni mhuwiex limitat jew ristrett ghal assocjazzjonijiet imwaqqfa ghal skop mhux lukrativ, imma jinkludi wkoll kumpanija. Huma jiccitaw is-segwenti bran mill-ktieb *"The Right to Freedom of Association Under the European Convention on the Potection*

*of Human Rights and Fundamental Freedoms"*[63] li din il-Qorti vverifikat. Dan il-bran jghid:

> *"Association within the meanding of Article 11 of the Convention could be defined as any form of voluntary grouping for a common goal. Even though Article 11 expressly enumerates only one type of association ie. trade unions, the foregoing does not exclude other forms of association nor does it offer any particular protection to trade unions. To the contrary, the defenition reveals that the Court interprets the term association very broadly, so as to include a number of forms of association. The right to freedom of association shall hence guarantee the right to form and join associations, politicalparties, religious organizations, trade unions, employer associations, companies and various other forms of association."*

**69.** Il-Kummissjoni fil-kaz **Liescher and Hubl v. Austria** [ no.25170/94, deciz 12 April 1996], filwaqt li rrikonoxxiet li kumpaniji, anke dawk bi skop ta' lukru, igawdu l-protezzjoni tal-artikolu konvenzjonali, izda *"the choice of a specific form of profit-making associations is not in itself essential to the real exercise of the applicant's freedom of association"* [see **Union of Atheists v. France**]. F'dan il-kaz il-Kummissjoni ma qalitx li l-applikazzjoni ma kinitx ammissibbli minhabba nuqqas ta' kompetenza *ratione materiae*, imma ghax kienet manifestament inamissibbli stante li l-applikanti kellhom ghazliet ohra ta' kif jassocjaw ruhhom taht il-ligi domestika.

**70.** Fil-kaz **Cesnieks v. Latvia** [no. 56400/00, deciz 12 Dicembru 2002], fejn il-Qorti Ewropeja espressament irrikonoxxiet li dan id-dritt jista' japplika

[63] Zvominir Mataga - Ottubru 2006

wkoll ghall-assocjazzjonijiet li jkollhom skop lukrativ[64] inkluzi kumpaniji. Tghid li minkejja li hafna drabi l-iskop tal-assocjazzjoni ma jkunx lukrativ, izda:

> *"…toutefois, l' applicabilité des garanties de l'article 11 a' des "associations" commerciales n'a jamais été espressément écartée[65] [voir notament X.c Suisse, no.18874/91, decision de la Commission du 12 janvier 1994…..Liebsher et autres c. Autriche, no. 25170/94, decision de la Commission du 12 avril 1996, non publiée, ainsi que Pastificio Attilio Mastromauro S.r.l c Italie [déc], no. 47479/99, 30 novembre 2000, non publiée]"*

**71.** Izda aktar 'il quddiem fl-istess sentenza l-Qorti Ewropeja kompliet tghid li f'dak il-kaz, li kien jirrigwarda azzjonist minghajr drittijiet tal-vot f'socjeta` kummercjali, l-applikazzjoni kienet wahda manifestament inammissibbli ghax "*cette notion [il-liberta' tal-assocjazzjoni] désignant un rassemblement de personnes plutot qu' un rassemblement de biens..."* u ghalhekk kompliet tezamina l-kwistjoni taht l-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni li jipprotegi d-dritt tal-proprjeta`.

**72.** Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tosserva li, fil-kaz in dizamina, ghalkemm huwa minnu li meta l-Bank gie trasferit lill-Kunsill ta' Amministrazzjoni r-rikorrenti ma setghux jiltaqghu bhala Board tad-Diretturi u bhala azzjonisti f'laqgha generali, izda mill-banda l-ohra, dawn xorta wahda kellhom l-ghazla, li fil-fatt hadu, li jiltaqghu u jifformaw kumpanija kummercjali

[64] B'differenza minn dawk li jissejhu *public law associations* bhalma huma dawk relattivi ghat-tobba, avukati, u nutara u professjonisti ohrajn li skont il-ligi domestika membri ta' dawk il-professjonijiet huma obbligati li jidhlu fihom.
[65] Sottolinear tal-Qorti

bl-isem National Bank Investments Limited biex jikkawtelaw id-drittijiet taghhom, u huwa hawn li tiddghajjef it-tezi tar-rikorrenti, ghax ma jistax validament jinghad li l-ligijiet *de quo* impedewhom milli jiltaqghu u jassocjaw flimkien biex jirriklamaw id-drittijet taghhom.

**73.** Barra minnhekk, kif diga` fuq spjegat it-trasferiment *ut sic* tal-Bank lill-Kunsill ta’ Amministrazzjoni kien wiehed li jaqa’ fil-parametri tal-ligi, stante li kien sar bil-kunsens tal-mexxija tal-Bank li f’dak iz-zmien fehem li kien fl-interess tal-NBM li dan jghaddi f’idejn il-gvern minhabba *r-run* li kien ghaddej minnha u li wasslet sabiex l-*liquidity ratio* tieghu tinzel ghal-livelli allarmanti.

**74.** Ghalhekk dak li sofrew ir-rikorrenti ma kinitx lezjoni tad-dritt fundamentali ta’ assocjazzjoni, izda kienet lezjoni tad-dritt kontemplata fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni minhabba l-piz eccessiv u sproporzjonat li l-mizura li ttiehdet tefghet fuq l-azzjonisti, kemm dawk li ffirmaw ghac-cessjoni kif ukoll dawk li ma ffirmawx.

**75.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bi spejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk tal-appell principali jkunu a karigu tal-intimati u dawk tal-appell incidentali jkunu a karigu tar-rikorrenti; tordna li l-process odjern jigi rimess lill-ewwel Qorti sabiex tkompli bis-smiegh tal-kawza fuq il-kumplament tat-talbiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------